



EBA/GL/2019/02

---

25 ta' Frar 2019

---

# Linji gwida dwar l-esternalizzazzjoni

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

---

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.<sup>1</sup> F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jstabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa ([jj.xx.ssss]). Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi mill-EBA. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza "EBA/GL/2019/02". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

---

<sup>1</sup>Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

## 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

---

### Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw l-arranġament ta' governanza interna, inkluża l-ġestjoni tajba tar-riskju, li l-istituzzjonijiet, l-istituzzjonijiet ta' pagament u l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi għandhom jimplementaw meta jesternalizzaw il-funzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti.
6. Il-linji gwida jispeċifikaw kif l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu preċedenti għandhom ikunu rieżaminati u mmonitorjati minn awtoritajiet kompetenti, fil-kuntest tal-Artikolu 97 tad-Direttiva 2013/36/UE<sup>2</sup>, il-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni superviżorji (SREP), l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva (UE) 2015/2366<sup>3</sup>, l-Artikolu 5 (5) tad-Direttiva 2009/110/KE<sup>4</sup> billi jissodisfaw id-dmir tagħhom li jimmonitorjaw il-konformità kontinwa tal-entitajiet li għalihom huma indirizzati dawn il-linji gwida mal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tagħhom.

### Destinatarji

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt 40 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<sup>5</sup>, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati ma' kompiti mogħtija lill-bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013<sup>6</sup>, lill-istituzzjonijiet kif definiti fil-punt 3 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, lill-istituzzjonijiet ta' pagament kif definiti fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 u lill-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi fit-tifsira tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/110/KE. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet li jipprovdu biss is-servizz fil-punt 8 tal-Anness I għad-Direttiva (UE) 2015/2366 mhumiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida, skont l-Artikolu 33 ta' dik id-Direttiva.

---

<sup>2</sup> Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE.

<sup>3</sup> Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE.

<sup>4</sup> Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE.

<sup>5</sup> Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1)

<sup>6</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

8. Għall-fini ta' dawn il-linji gwida, kwalunkwe referenza għal "istituzzjonijiet ta' pagament" tinkludi "istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi" u kwalunkwe referenza għal "servizzi ta' pagament" tinkludi il-"ħruġ ta' flus elettroniċi".

## Kamp ta' applikazzjoni

9. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/65/EU<sup>7</sup> u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565<sup>8</sup> (li jinkludi rekwiżiti rigward l-esternalizzazzjoni mill-istituzzjonijiet li jipprovdu servizzi ta' investiment u li jwettqu attivitajiet ta' investiment, kif ukoll gwida rilevanti maħruġa mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq rigward is-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment), l-istituzzjonijiet kif definiti fil-punt 3 tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata. L-applikazzjoni fuq bażi individwali tista' tiġi rinunzjata mill-awtoritajiet kompetenti taħt l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2013/36/UE jew l-Artikolu 109(1) tad-Direttiva 2013/36/UE flimkien mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-istituzzjonijiet soġġetti għad-Direttiva 2013/36/UE għandhom jikkonformaw ma' din id-Direttiva u ma' dawn il-linji gwida fuq bażi konsolidata u subkonsolidata kif stipulat fl-Artikolu 21 u fl-Artikoli 108 sa 110 tad-Direttiva 2013/36/UE.
10. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(3) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 u l-Artikolu 5(7) tad-Direttiva 2009/110/KE, l-istituzzjonijiet ta' pagament u l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi għandhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida fuq bażi individwali.
11. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-superviżjoni tal-istituzzjonijiet, l-istituzzjonijiet ta' pagament u l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi għandhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.

## Definizzjonijiet

12. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2013/36/UE, fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, fid-Direttiva 2009/110/KE, fid-Direttiva (UE) 2015/2366 u fil-Linji gwida tal-EBA dwar il-governanza interna<sup>9</sup> għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

|                    |   |
|--------------------|---|
| Esternalizzazzjoni | tfisser arranġament ta' kwalunkwe forma bejn istituzzjoni, istituzzjoni ta' pagament jew istituzzjoni tal-flus elettroniċi u fornitur tas-servizz li permezz tiegħu dak il-fornitur tas-servizz irendi proċess, servizz jew attività li |
|--------------------|---|

<sup>7</sup>Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

<sup>8</sup>Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investiment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 1).

<sup>9</sup> <https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/internal-governance/guidelines-on-internal-governance-revised->

|   |  |
|---|--|
|   | xort'oħra jitrenda mill-istituzzjoni, mill-istituzzjoni ta' pagament jew mill-istituzzjoni tal-flus elettorniċi nfisha.  |
| Funzjoni                                      | tfisser kwalunkwe proċess, servizz jew attività.   |
| Funzjoni kritika jew importanti <sup>10</sup> | tfisser kwalunkwe funzjoni li hija meqjusa kritika jew importanti kif stipulat fit-Taqsima 4 ta' dawn il-linji gwida.  |
| Subesternalizzazzjoni                         | tfisser sitwazzjoni fejn il-fornitur tas-servizz taħt arranġament ta' esternalizzazzjoni jerġa' jittrasferixxi funzjoni esternalizzata lil fornitur ta' servizzi ieħor. <sup>11</sup>  |
| Fornitur tas-servizzi                         | tfisser entità terza li qed twettaq proċess, servizz jew attività esternalizzati, jew partijiet minnhom, taħt arranġament ta' esternalizzazzjoni.  |
| Servizzi ta' cloud                            | tfisser servizzi pprovduti permezz tal-cloud computing, jiġifieri mudell li jippermetti aċċess għal netwerk ubikwitarju, konvenjenti, on-demand għal għbir komuni ta' riżorsi tal-informatika konfigurabbli (eż. networks, servers, ħżin, applikazzjonijiet u servizzi) li jistgħu jiġu furnuti malajr u jiġu rilaxxati bi sforz minimu ta' ġestjoni jew b'interazzjoni minima tal-fornitur tas-servizz. |
| Cloud pubbliku                                | tfisser infrastruttura ta' cloud disponibbli għal użu wiesa' mill-pubbliku ġenerali.   |
| Cloud privat                                  | tfisser infrastruttura ta' cloud disponibbli għall-użu esklussiv minn istituzzjoni waħda jew istituzzjoni ta' pagament waħda.  |
| Cloud ta' komunità                            | tfisser infrastruttura ta' cloud disponibbli għall-użu esklussiv minn komunità speċifika ta' istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet ta' pagament, inklużi diversi istituzzjonijiet ta' grupp wieħed.  |
| Cloud ibridu                                  | tfisser infrastruttura ta' cloud li hija magħmula minn żewġ infrastrutturi distinti ta' cloud jew aktar.   |
| Korp ta' ġestjoni                             | tfisser korp jew korpi ta' istituzzjoni jew ta' istituzzjoni ta' pagament, li jinħatru b'konformità mal-liġi nazzjonali, li għandhom is-setgħa biex jistabbilixxu l-istrateġija, l-oġettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament, u li jissorveljaw u  |

<sup>10</sup> Il-kliem "funzjoni kritika jew importanti" huwa bbażat fuq il-kliem użat taħt id-Direttiva 2014/65/UE (MiFID II) u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 li jissupplimenta MiFID II u jintuża biss għall-fini tal-esternalizzazzjoni; mhuwiex relatat mad-definizzjoni ta' "funzjonijiet kritiċi" għall-fini tal-qafas ta' rkupru u riżoluzzjoni kif definit taħt l-Artikolu 2(1)(35) tad-Direttiva 2014/59/UE (BRRD).

<sup>11</sup> Għall-valutazzjoni japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 3; is-subesternalizzazzjoni għet imsejħa wkoll f'dokumenti oħrajn tal-EBA "katina ta' esternalizzazzjoni" jew "esternalizzazzjoni katina".

---

jimmonitorjaw il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-maniġment, u jinkludu l-persuni li effettivament imexxu direttament in-negozju tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament u d-diretturi u l-persuni responsabbli mill-ġestjoni tal-istituzzjoni ta' pagament.

---

## 3. Implimentazzjoni

---

### Data ta' applikazzjoni

13. Bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 63(b), dawn il-linji gwida għandhom japplikaw mit-30 ta' Settembru 2019 għall-arranġamenti kollha ta' esternalizzazzjoni li jiġu konklużi, rieżaminati jew emendati f'din id-data jew warajha. Il-paragrafu 63(b) għandu japplika mill-31 ta' Diċembru 2021.
14. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jirrieżaminaw u jemendaw kif xieraq l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni eżistenti bl-għan li jiżguraw li dawn ikunu konformi ma' dawn il-linji gwida.
15. Fejn ir-rieżami ta' arranġamenti ta' esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti ma jkunx finalizzat sal-31 ta' Diċembru 2021, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jinformat lill-awtorità kompetenti tagħhom dwar dak il-fatt, inklużi l-miżuri pplanati sabiex iplestir r-rieżami jew l-istrateġija ta' ħruġ possibbli.

### Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

16. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom iplestir d-dokumentazzjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni kollha eżistenti, minbarra għall-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni lill-fornituri tas-servizzi ta' cloud, f'konformità ma' dawn il-linji gwida wara l-ewwel data tat-tiġdid ta' kull arranġament ta' esternalizzazzjoni eżistenti, iżda sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021.

### Tħassir

17. Il-linji gwida tal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej (KSBE) dwar l-esternalizzazzjoni tal-14 ta' Diċembru 2006 u r-rakkomandazzjonijiet tal-EBA dwar l-esternalizzazzjoni lil fornituri tas-servizzi ta' cloud<sup>12</sup> huma mħassra b'effett mit-30 ta' Settembru 2019.

---

<sup>12</sup> Rakkomandazzjonijiet dwar l-esternalizzazzjoni lil fornituri tas-servizzi ta' cloud (EBA/REC/2017/03).

## 4. Linji gwida dwar l-esternalizzazzjoni

---

### Titolu I – Proporzjonalità: l-applikazzjoni tal-grupp u l-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali

#### 1 Proporzjonalità

18. Meta jikkonformaw jew jissorveljaw il-konformità ma' dawn il-linji gwida, l-istituzzjonijiet, l-istituzzjonijiet ta' pagament u l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-prinċipju tal-proporzjonalità għandu l-għan li jiżgura li l-arranġamenti ta' governanza, inklużi dawk relatati mal-esternalizzazzjoni, ikunu konsistenti mal-profil tar-riskju individwali, man-natura u mal-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament, u mal-iskala u mal-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom sabiex l-oġettivi tar-rekwiżiti regolatorji jintlaħqu b'mod effettiv.
19. Meta japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawn il-linji gwida, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom iqisu l-kumplessità tal-funzjonijiet esternalizzati, ir-riskji li jirriżultaw mill-arranġament ta' esternalizzazzjoni, il-kritikalità jew l-importanza tal-funzjoni esternalizzata u l-impatt potenzjali tal-esternalizzazzjoni fuq il-kontinwità tal-attivitajiet tagħhom.
20. Meta japplikaw il-prinċipju tal-proporzjonalità, l-istituzzjonijiet, l-istituzzjonijiet ta' pagament<sup>13</sup> u l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kriterji speċifikati fit-Titolu I tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna f'konformità mal-Artikolu 74(2) tad-Direttiva 2013/36/UE.

#### 2 L-esternalizzazzjoni minn gruppi u istituzzjonijiet li huma membri ta' skema ta' protezzjoni istituzzjonali

21. F'konformità mal-Artikolu 109(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, dawn il-linji gwida għandhom japplikaw ukoll fuq bażi subkonsolidata u konsolidata, b'kunsiderazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni prudenzjali ta' konsolidazzjoni.<sup>14</sup> Għal dan il-għan, l-impriżi omm tal-UE jew l-impriża omm fi Stat Membru għandhom jiżguraw li l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi ta' governanza interna fis-sussidjarji tagħhom, inklużi l-istituzzjonijiet ta' pagament, ikunu

---

<sup>13</sup> L-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jirreferu wkoll għal-linji gwida tal-EBA skont il-PSD2 dwar l-informazzjoni li għandha tingħata għall-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' pagament u tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi u għar-reġistrazzjoni ta' fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet, li huma disponibbli fuq is-sit web tal-EBA fuq il-link li ġej:<https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/payment-services-and-electronic-money/guidelines-on-security-measures-for-operational-and-security-risks-under-the-psd2>

<sup>14</sup> Jekk jogħġbok irreferi għall-punti (47) u (48) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni.



konsistenti, integrati tajjeb u xierqa għall-applikazzjoni effettiva ta' dawn il-linji gwida fil-livelli kollha rilevanti.

22. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament, f'konformità mal-paragrafu 21, u l-istituzzjonijiet li, bħala membri ta' skema ta' protezzjoni istituzzjonali, jużaw arranġamenti ta' governanza pprovduti b'mod ċentrali għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:

- a. meta dawk l-istituzzjonijiet jew l-istituzzjonijiet ta' pagament ikollhom arranġamenti ta' esternalizzazzjoni mal-fornituri tas-servizz fil-grupp jew fl-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali<sup>15</sup>, il-korp maniġerjali ta' dawk l-istituzzjonijiet jew l-istituzzjonijiet ta' pagament jerfa', anke għal dawn l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni, ir-responsabbiltà sħiħa għall-konformità mar-rekwiżiti regolatorji kollha u l-applikazzjoni effettiva ta' dawn il-linji gwida;
- b. meta dawk l-istituzzjonijiet jew l-istituzzjonijiet ta' pagament jesternalizzaw il-kompiti operattivi ta' funzjonijiet ta' kontroll intern lil fornitur ta' servizz fi ħdan il-grupp jew l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali, għall-monitoraġġ u l-awditjar tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li, anke għal dawn l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni, dawk il-kompiti operattivi jitwettqu b'mod effettiv, fosthom billi jirċievu rapporti xierqa.

23. Minbarra l-paragrafu 22, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament fi grupp li għalih ma tkun ingħatat l-ebda deroga abbażi tal-Artikolu 109 tad-Direttiva 2013/36/UE u tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet li huma korp ċentrali jew li huma affiljati b'mod permamenti ma' korp ċentrali li għalih ma tkun ingħatat l-ebda deroga abbażi tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2013/36/UE, jew l-istituzzjonijiet li huma membri ta' skema ta' protezzjoni istituzzjonali għandhom iqisu dan li ġej:

- a. meta l-monitoraġġ operattiv tal-esternalizzazzjoni jkun ċentralizzat (eż. bħala parti minn ftehim prinċipali għall-monitoraġġ tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni), l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw li, mill-inqas għall-funzjonijiet kritiċi jew importanti esternalizzati, ikun possibbli li jsiru kemm monitoraġġ indipendenti tal-fornitur tas-servizz kif ukoll sorveljanza xierqa minn kull istituzzjoni jew istituzzjoni ta' pagament, inkluż billi jirċievu, mill-inqas darba fis-sena u fuq talba mill-funzjoni ta' monitoraġġ ċentralizzat, rapporti li jinkludu, mill-inqas, sommarju tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jirċievu mill-funzjoni ta' monitoraġġ ċentralizzat sommarju tar-rapporti tal-awditjar rilevanti għal esternalizzazzjoni kritika jew importanti u, fuq talba, ir-rapport sħiħ tal-awditjar;
- b. l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw li l-korp maniġerjali tagħhom se jkun infurmat kif xieraq dwar bidliet maħsuba rilevanti fir-rigward tal-

<sup>15</sup> F'konformità mal-Artikolu 113(7) tas-CRR, skema ta' protezzjoni istituzzjonali tfisser arranġament ta' obbligu ta' rendikont kuntrattwali jew statutorju li jipproteġi lil dawk l-istituzzjonijiet li huma membru tal-iskema u b'mod partikolari jiżgura l-likwidità u s-solvenza tagħhom sabiex jiġi evitat il-falliment fejn ikun meħtieġ.

fornituri tas-servizz li jiġu mmonitorjati b'mod ċentrali u l-impatt potenzjali ta' dawn il-bidliet fuq il-funzjonijiet kritiċi jew importanti pprovduti, inkluż sommarju tal-analiżi tar-riskju, li jinkludi r-riskji legali, il-konformità mar-rekwiżiti regolatorji u l-impatt fuq il-livelli tas-servizz, sabiex dawn ikunu jistgħu jivvalutaw l-impatt ta' dawn il-bidliet;

- c. meta dawk l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament fil-grupp, l-istituzzjonijiet affiljati ma' korp ċentrali jew l-istituzzjonijiet li jagħmlu parti minn skema ta' protezzjoni istituzzjonali jkunu jiddependu fuq valutazzjoni ċentrali ta' qabel l-esternalizzazzjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni, kif imsemmi fit-Taqsima 12, kull istituzzjoni u istituzzjoni ta' pagament għandha tirċievi sommarju tal-valutazzjoni u tiżgura li din tqis l-istruttura u r-riskji speċifiċi tagħha fi ħdan il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
  - d. meta r-reġistru tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni kollha eżistenti, kif imsemmi fit-Taqsima 11, ikun stabbilit u miżmum b'mod ċentrali fi grupp jew skema ta' protezzjoni istituzzjonali, l-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament kollha għandhom ikunu jistgħu jiksbu r-reġistru individwali tagħhom mingħajr dewmien żejjed. Dan ir-reġistru għandu jinkludi l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni kollha, inklużi l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni mal-fornituri tas-servizz f'dak il-grupp jew l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali;
  - e. meta dawk l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament ikunu jiddependu fuq pjan ta' ħruġ għal funzjoni kritika jew importanti li tkun ġiet stabbilita fil-livell ta' grupp, fl-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali jew mill-korp ċentrali, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament kollha għandhom jirċievu sommarju tal-pjan u għandhom ikunu sodisfatti bil-fatt li l-pjan jista' jitwettaq b'mod effettiv.
24. Meta jkunu ngħataw derogi skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2013/36/UE jew l-Artikolu 109(1) tad-Direttiva 2013/36/UE flimkien mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-linji gwida għandhom jiġu applikati mill-impriża omm fi Stat Membru għaliha stess u għas-sussidjarji tagħha jew mill-korp ċentrali u l-affiljati tiegħu kumplessivament.
25. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament li jkunu sussidjarji ta' impiża omm tal-UE jew ta' impiża omm fi Stat Membru li għaliha ma tkun ingħatat l-ebda deroga abbażi tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2013/36/UE jew l-Artikolu 109(1) tad-Direttiva 2013/36/UE flimkien mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jiżguraw li din tikkonforma ma' dawn il-Linji Gwida fuq bażi individwali.

## Titolu II – Valutazzjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni

### 3 Esternalizzazzjoni

26. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jistabbilixxu jekk arranġament ma' parti terza jaqax taħt id-definizzjoni tal-esternalizzazzjoni. F'din il-valutazzjoni, għandu jitqies jekk il-funzjoni (jew parti minnha) li tiġi esternalizzata lil fornitur tas-servizz titwettaqx fuq bażi rikorrenti jew kontinwa mill-fornitur tas-servizz u jekk din il-funzjoni (jew parti minnha) normalment taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-funzjonijiet li jitwettqu jew jistgħu jitwettqu b'mod realistiku mill-istituzzjonijiet jew mill-istituzzjonijiet ta' pagament, anke jekk fil-passat l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament ma tkunx wettqet din il-funzjoni hija stess.
27. Meta arranġament ma' fornitur tas-servizz ikopri diversi funzjonijiet, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom iqisu l-aspetti kollha tal-arranġament fil-valutazzjoni tagħhom, eż. jekk is-servizz ipprovdut jinkludix il-forniment ta' hardware għall-ħżin tad-data u l-backup tad-data, iż-żewġ aspetti għandhom jitqiesu flimkien.
28. Bħala prinċipju ġenerali, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament m'għandhomx iqisu dan li ġej bħala esternalizzazzjoni:
- a. funzjoni li tintalab mil-liġi biex titwettaq minn fornitur tas-servizz, eż. awditjar statutorju;
  - b. servizzi ta' informazzjoni dwar is-suq (eż. il-forniment ta' data minn Bloomberg, Moody's, Standard & Poor's, Fitch);
  - c. infrastrutturi tan-netwerk globali (eż. Visa, MasterCard);
  - d. arranġamenti ta' kklirjar u ta' saldu bejn kmamar tal-ikklijar, kontropartijiet ċentrali u istituzzjonijiet ta' saldu u l-membri tagħhom;
  - e. infrastrutturi ta' messaġġi finanzjarji globali li huma soġġetti għal sorveljanza mill-awtoritajiet rilevanti;
  - f. servizzi bankarji korrispondenti; u
  - g. l-akkwist ta' servizzi li altrimenti ma jitwettqux mill-istituzzjoni jew mill-istituzzjoni ta' pagament (eż. l-għoti ta' parir minn perit, l-għoti ta' opinjoni legali u r-rappreżentanza quddiem il-korpi tal-qorti u dawk amministrattivi, it-tindif, il-ġardinaġġ u l-manutenzjoni tal-bini tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament, servizzi mediċi, il-manutenzjoni tal-karozzi tal-kumpaniji, catering, servizzi ta' magni awtomatiċi tal-bejgħ, servizzi klerikali, servizzi tal-ivvjaġġar, servizzi ta' wara akkomandazzjoni, receptionists, segretarji u operaturi ta' swiċċbord), oġġetti (eż. kards tal-plastik, qarreja tal-kards, provvisti għall-uffiċċju, kompjuters personali, għamara) jew utilitajiet (eż. elettriku, gass, ilma, linja telefonika).

## 4 Funzjonijiet kritiċi jew importanti

29. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom iqisu dejjem funzjoni bħala kritika jew importanti fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:<sup>16</sup>

- a. meta difett jew nuqqas fil-prestazzjoni tagħha jagħmel ħsara materjali:
  - i. lill-konformità kontinwa tagħhom mal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tagħhom jew mal-obbligi l-oħra tagħhom skont id-Direttiva 2013/36/UE, ir-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-Direttiva 2014/65/UE, id-Direttiva (UE) 2015/2366 u d-Direttiva 2009/110/KE u l-obbligi regolatorji tagħhom;
  - ii. lill-prestazzjoni finanzjarja tagħhom; jew
  - iii. lis-solidità jew lill-kontinwità tas-servizzi u tal-attivitajiet bankarji u ta' pagament tagħhom;
- b. meta l-kompiti operattivi tal-funzjonijiet ta' kontroll intern jiġu esternalizzati, dment li l-valutazzjoni tistabbilixxi li n-nuqqas tal-forniment tal-funzjoni esternalizzata jew il-forniment inadegwat tal-funzjoni esternalizzata ma jkollux impatt negattiv fuq l-effikaċja tal-funzjoni tal-kontroll intern;
- c. meta jkunu beħsiebhom jesternalizzaw funzjonijiet ta' attivitajiet bankarji jew servizzi ta' pagament sa livell li jkun jirrikjedi l-awtorizzazzjoni<sup>17</sup> minn awtorità kompetenti, kif imsemmi fit-Taqsima 12.1

30. Fil-każ tal-istituzzjonijiet, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-valutazzjoni tal-kritikalità jew tal-importanza tal-funzjonijiet jekk l-esternalizzazzjoni tkun tikkonċerna funzjonijiet relatati ma' linji ta' negozju ewlenin u funzjonijiet kritiċi kif definiti fl-Artikolu 2(1)(35) u 2(1)(36) tad-Direttiva 2014/59/UE<sup>18</sup> u identifikati mill-istituzzjonijiet permezz tal-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/778.<sup>19</sup> Il-funzjonijiet li huma meħtieġa biex jitwettqu attivitajiet ta' linji ta' negozju ewlenin jew funzjonijiet kritiċi għandhom jitqiesu bħala funzjonijiet kritiċi jew importanti għall-fini ta' dawn il-linji gwida, dment li l-

<sup>16</sup> Ara wkoll l-Artikolu 30 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva.

<sup>17</sup> Ara l-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE.

<sup>18</sup> Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (BRRD) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

<sup>19</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/778 tat-2 ta' Frar 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward taċ-ċirkustanzi u l-kondizzjonijiet li taħthom il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet straordinarji ex-post jista' jkun parzjalment jew kompletament differit, u l-kriterji għad-determinazzjoni tal-attivitajiet, is-servizzi u l-operazzjonijiet fir-rigward ta' funzjonijiet kritiċi, u għad-determinazzjoni tal-linji ta' negozju u servizzi assoċjati fir-rigward tal-linji tan-negozju ewlenin (ĠU L 131, 20.5.2016, p. 41).

valutazzjoni tal-istituzzjoni tistabbilixxi li n-nuqqas tal-forniment tal-funzjoni esternalizzata jew il-forniment inadegwat tal-funzjoni esternalizzata ma jkollux impatt negattiv fuq il-kontinwità operattiva tal-linja ta' negozju ewlenija jew il-funzjoni kritika.

31. Meta jivvalutaw jekk arranġament ta' esternalizzazzjoni jirrelatax ma' funzjoni li hija kritika jew importanti, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom iqisu, flimkien mal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju deskritta fit-Taqsima 12.2, mill-inqas il-fatturi li ġejjin:

- a. jekk l-arranġament ta' esternalizzazzjoni huwiex marbut direttament mal-forniment tal-attivitajiet bankarji jew tas-servizzi ta' pagament <sup>20</sup>, li għalihom dawn ikunu awtorizzati;
- b. l-impatt potenzjali ta' kwalunkwe disturb fil-funzjoni esternalizzata jew in-nuqqas min-naħa tal-fornitur tas-servizz li jipprovdi s-servizz fil-livelli tas-servizzi miftiehma fuq bażi kontinwa fuq:
  - i. ir-reżiljenza u l-vijabbiltà finanzjarji fit-terminu qasir u fit-tul tagħhom, inkluż, jekk applikabbli, l-assi, il-kapital, il-kostijiet, il-finanzjament, il-likwidità, il-profitti u t-telf tagħhom;
  - ii. il-kontinwità tan-negozju u r-reżiljenza operattiva;
  - iii. ir-riskju operattiv, inklużi r-riskji relatati mal-imġiba, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u dawk legali;
  - iv. ir-riskji għar-reputazzjoni;
  - v. fejn applikabbli, l-ippjanar tal-irkupru u tar-riżoluzzjoni, ir-riżolvibbiltà u l-kontinwità operattiva f'sitwazzjoni ta' intervent, irkupru jew riżoluzzjoni bikrija;
- c. l-impatt potenzjali tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni fuq il-kapaċità tagħhom li:
  - i. jidentifikaw, jimmonitorjaw u jiġġestixxu r-riskji kollha;
  - ii. jikkonformaw mar-rekwiżiti legali u regolatorji kollha;
  - iii. iwettqu awditi xierqa fir-rigward tal-funzjoni esternalizzata;
- d. l-impatt potenzjali fuq is-servizzi pprovduti lill-klijenti tagħhom;
- e. l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni kollha, l-esponent aggregat tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament għall-istess furnitur tas-servizz u l-impatt kumulattiv potenzjali tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni fl-istess linja ta' azzjoni;
- f. id-daqs u l-kumplessità ta' kwalunkwe linja ta' azzjoni affettwata;

<sup>20</sup> Ara l-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE.

- g. il-possibbiltà li l-arranġament ta' esternalizzazzjoni propost jista' jiġi estiż mingħajr ma jiġi ssostitwit jew rivedut il-ftehim sottostanti;
- h. il-kapaċità li jittrasferixxu l-arranġament ta' esternalizzazzjoni propost lil fornitur tas-servizz ieħor, jekk ikun meħtieġ jew mixtieq, kemm kuntrattwalment kif ukoll fil-prattika, inklużi r-riskji, l-ostakoli għall-kontinwità tan-negozju, il-kostijiet u l-perjodu ta' żmien stmati biex jagħmlu dan ("sostitwibbiltà");
- i. il-kapaċità li jintegraw mill-ġdid il-funzjoni esternalizzata fl-istituzzjoni jew fl-istituzzjoni ta' pagament, jekk ikun meħtieġ jew mixtieq;
- j. il-protezzjoni tad-data u l-impatt potenzjali tal-ksur tal-kunfidenzjalità jew in-nuqqas li jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-integrità tad-data fuq l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament u l-klijenti tagħha, inklużi iżda mhux limitati għall-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679<sup>21</sup>.

---

<sup>21</sup> Ir-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

## Titolu III – Qafas ta' governanza

### 5 Arranġamenti ta' governanza b'saħħithom u riskju ta' parti terza

32. Bħala parti mill-qafas ta' kontroll intern ġenerali,<sup>22</sup> inklużi l-mekkaniżmi ta' kontroll intern,<sup>23</sup> l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandu jkollhom qafas ta' ġestjoni tar-riskju olistiku mifrux mal-istituzzjoni kollha fil-linji ta' negozju u l-unitajiet interni kollha. Skont dak il-qafas, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jidentifikaw u jiġġestixxu r-riskji kollha tagħhom, inklużi r-riskji kkawżati minn arranġamenti ma' partijiet terzi. Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju għandu jippermetti wkoll lill-istituzzjonijiet u lill-istituzzjoni ta' pagament jieħdu deċiżjonijiet infurmati tajjeb dwar it-teħid tar-riskju u jiżguraw li l-miżuri għall-ġestjoni tar-riskju jiġu implimentati kif xieraq, inkluż fir-rigward tar-riskji ċibernetiċi.<sup>24</sup>
33. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament, filwaqt li jqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità f'konformità mat-Taqsima 1, għandhom jidentifikaw, jivvalutaw, jimmonitorjaw u jiġġestixxu r-riskji kollha li jirriżultaw minn arranġamenti ma' partijiet terzi li dawn ikunu esposti jew jistgħu jiġu esposti għalihom, irrISPETTIVAMENT minn jekk dawn l-arranġamenti ikunux arranġamenti ta' esternalizzazzjoni. Ir-riskji, b'mod partikolari r-riskji operattivi, tal-arranġamenti kollha mal-partijiet terzi, inklużi dawk imsemmija fil-paragrafi 26 u 28, għandhom jiġu vvalutati f'konformità mat-Taqsima 12.2.
34. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw li dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha skont ir-Regolament (UE) 2016/679, inkluż għall-arranġamenti tagħhom mal-partijiet terzi u ta' esternalizzazzjoni.

### 6 Arranġamenti ta' governanza b'saħħithom u esternalizzazzjoni

35. L-esternalizzazzjoni tal-funzjonijiet ma tistax tirriżulta fid-delega tar-responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament jibqgħu responsabbli u kontabbli bis-sħiħ biex jikkonformaw mal-obbligi regolatorji kollha tagħhom, inkluża l-kapaċità li jissorveljaw l-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti.
36. F'kull ħin, il-korp maniġerjali huwa responsabbli u kontabbli bis-sħiħ biex mill-inqas:
- jiżgura li l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament tissodisfa fuq bażi kontinwa l-kundizzjonijiet li jrid jikkonforma magħhom biex jibqa' awtorizzat, inkluża kwalunkwe kundizzjoni imposta mill-awtorità kompetenti;

<sup>22</sup> L-istituzzjonijiet għandhom jirreferu għat-*Titolu V* tal-linji gwida tal-EBA dwar il-governanza interna.

<sup>23</sup> Jekk jogħġbok irreferi wkoll għall-Artikolu 11 tad-Direttiva 2015/2366 (PSD2).

<sup>24</sup> Ara wkoll il-linji gwida tal-EBA dwar l-ICT u l-ġestjoni tar-riskju tas-sigurtà (<https://eba.europa.eu/-/eba-consults-on-guidelines-on-ict-and-security-risk-management>) u l-elementi fundamentali tal-G7 għall-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku minn parti terza fis-settur finanzjarju ([https://ec.europa.eu/info/publications/g7-fundamental-elements-cybersecurity-financial-sector\\_en](https://ec.europa.eu/info/publications/g7-fundamental-elements-cybersecurity-financial-sector_en)).

- b. l-organizzazzjoni interna tal-istituzzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament;
  - c. l-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess;
  - d. l-istabbiliment tal-istrategġiji u tal-politiki tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament (eż. il-mudelli tan-negozju, l-aptit għar-riskju, il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju);
  - e. jissorvelja l-ġestjoni ta' kuljum tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament, inkluża l-ġestjoni tar-riskji kollha assoċjati mal-esternalizzazzjoni; u
  - f. ir-rwol ta' sorveljanza tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu, inklużi s-sorveljanza u l-monitoraġġ tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni.
37. L-esternalizzazzjoni m'għandhiex iddgħajjef ir-rekwiżiti ta' adegwatezza applikati għall-membri tal-korp maniġerjali, id-diretturi u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-istituzzjoni ta' pagament u d-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin ta' istituzzjoni. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandu jkollhom kompetenza xierqa u riżorsi b'ħiliet suffiċjenti u xierqa biex jiżguraw ġestjoni u sorveljanza xierqa tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni.
38. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom:
- a. jassenjaw b'mod ċar ir-responsabbiltajiet għad-dokumentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni;
  - b. jallokaw biżżejjed riżorsi biex jiżguraw konformità mar-rekwiżiti legali u regulatorji kollha, inklużi dawn il-linji gwida u d-dokumentazzjoni u l-monitoraġġ tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni kollha;
  - c. filwaqt li jqisu t-Taqsima 1 ta' dawn il-linji gwida, jistabbilixxu funzjoni ta' esternalizzazzjoni jew jaħtru membru tal-persunal ta' grad superjuri li jkun jirrispondi direttament għall-korp maniġerjali (eż. detentur ta' funzjoni ewlenija ta' funzjoni ta' kontroll) u jkun responsabbli għall-ġestjoni u għas-sorveljanza tar-riskji tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni bħala parti mill-qafas ta' kontroll intern tal-istituzzjonijiet u għas-sorveljanza tad-dokumentazzjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni. Istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet ta' pagament żgħar u inqas kumplessi għandhom mill-inqas jiżguraw diviżjoni ċara tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet għall-ġestjoni u l-kontroll tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni u jistgħu jassenjaw il-funzjoni tal-esternalizzazzjoni lil membru tal-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament.
39. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom iżommu f'kull ħin sustanza suffiċjenti u ma jsirux "fittizji" jew "entitajiet kaxxi tal-ittri". Għal dan il-għan, dawn għandhom:



- a. jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-awtorizzazzjoni<sup>25</sup> tagħhom f'kull ħin, inkluż billi l-korp maniġerjali jwettaq b'mod effettiv ir-responsabbiltajiet tiegħu kif stabbilit fil-paragrafu 36 ta' dawn il-linji gwida;
  - b. ikollhom qafas organizzattiv ċar u trasparenti u struttura li tippermettilhom jiżguraw konformità mar-rekwiżiti legali u regolatorji;
  - c. meta l-kompiti operattivi tal-funzjonijiet ta' kontroll intern jiġu esternalizzati (eż. fil-każ ta' esternalizzazzjoni intragrupp jew esternalizzazzjoni fi ħdan l-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali), jeżerċitaw sorveljanza xierqa u jkunu jistgħu jiġġestixxu r-riskji li jiġu ġġenerati mill-esternalizzazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi jew importanti; u
  - d. ikollhom biżżejjed riżorsi u kapaċitajiet biex jiżguraw konformità mal-punti (a) sa (c).
40. Meta jesternalizzaw, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom mill-inqas jiżguraw li:
- a. ikunu jistgħu jieħdu u jimplementaw deċiżjonijiet relatati mal-attivitajiet tan-negozju u mal-funzjonijiet kritiċi jew importanti tagħhom, inkluż fir-rigward ta' dawk li jkunu ġew esternalizzati;
  - b. iżommu r-regolarità tal-eżerċitar tan-negozju tagħhom u tas-servizzi bankarji u ta' pagament li jipprovdu;
  - c. ir-riskji relatati mal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni attwali u maħsuba jiġu identifikati, i-valutati, ġestiti u mitigati kif xieraq, inklużi r-riskji relatati mal-ICT u mat-teknoloġija finanzjarja (fintech);
  - d. jiġu implimentati arranġamenti ta' kunfidenzjalità xierqa fir-rigward tad-data u informazzjoni oħra;
  - e. jinżamm fluss xieraq ta' informazzjoni rilevanti mal-fornituri tas-servizz;
  - f. fir-rigward tal-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti, ikunu jistgħu jwettqu mill-inqas waħda mill-azzjonijiet li ġejjin, f'perjodu ta' żmien xieraq:
    - i. jittrasferixxu l-funzjoni lil fornituri tas-servizz alternattivi;

<sup>25</sup> Ara wkoll l-istandards tekniċi regolatorji (RTS) skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2013/36/UE dwar l-informazzjoni li għandha tingħata għall-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, u l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni (ITS) skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/36/UE dwar il-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-ġħoti tal-informazzjoni meħtieġa għall-awtorizzazzjonijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (<https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/other-topics/rts-and-its-on-the-authorisation-of-credit-institutions>).

Fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' pagament, jekk jogħġbok irreferi għal-linji gwida tal-EBA skont id-Direttiva (UE) 2015/2366 (PSD2) dwar l-informazzjoni li għandha tingħata għall-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' pagament u tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi u għar-reġistrazzjoni tal-fornituri tas-servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (<https://eba.europa.eu/documents/10180/1904583/Final+Guidelines+on+Authorisations+of+Payment+Institutions+%28EBA-GL-2017-09%29.pdf>).

- ii. jintegraw mill-ġdid il-funzjoni; jew
  - iii. iwaqqfu l-attivitajiet tan-negozju li jkunu jiddependu fuq il-funzjoni.
- g. meta d-data personali tiġi pproċessata minn fornituri tas-servizz li jkunu jinsabu fl-UE u/jew fil-pajjiżi terzi, jiġu implimentati miżuri xierqa u d-data tiġi pproċessata skont ir-Regolament (UE) 2016/679.

## 7 Politika ta' esternalizzazzjoni

41. Il-korp maniġerjali ta' istituzzjoni jew ta' istituzzjoni ta' pagament<sup>26</sup> li jkollha fis-seħħ arranġamenti ta' esternalizzazzjoni jew pjanijiet biex tidħol f'tali arranġamenti għandu japprova, jirrieżamina u jaġġorna b'mod regolari politika ta' esternalizzazzjoni bil-miktub u jiżgura l-implimentazzjoni tagħha, kif applikabbli, fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata. Fir-rigward tal-istituzzjonijiet, il-politika ta' esternalizzazzjoni għandha tkun konformi mat-Taqsima 8 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna u, b'mod partikolari, għandha tqis ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 18 (prodotti ġodda u bidliet sinifikanti) ta' dawk il-linji gwida. L-istituzzjonijiet ta' pagament jistgħu jallinjaw ukoll il-politiki tagħhom mat-Taqsimiet 8 u 18 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna.
42. Il-politika għandha tinkludi l-fażijiet ewlenin taċ-ċiklu tal-ħajja tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni u għandha tiddefinixxi l-prinċipji, ir-responsabbiltajiet u l-proċessi fir-rigward tal-esternalizzazzjoni. B'mod partikolari, il-politika għandha tkopri mill-inqas:
- a. ir-responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali f'konformità mal-paragrafu 36, inkluż l-involviment tiegħu, kif xieraq, fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti;
  - b. l-involviment tal-linji tan-negozju, tal-funzjonijiet ta' kontroll intern u ta' individwi oħra fir-rigward tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni;
  - c. l-ippjanar tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni, inklużi:
    - i. id-definizzjoni tar-rekwiżiti tan-negozju fir-rigward tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni;
    - ii. il-kriterji, inklużi dawk imsemmija fit-Taqsima 4, u l-proċessi biex jiġu identifikati l-funzjonijiet kritiċi jew importanti;
    - iii. l-identifikazzjoni tar-riskju, il-valutazzjoni u l-ġestjoni skont it-Taqsima 12.2;

<sup>26</sup> Ara wkoll il-linji gwida tal-EBA dwar il-miżuri ta' sigurtà għar-riskji operazzjonali u ta' sigurtà tas-servizzi ta' pagament skont il-PSD2, disponibbli fuq: <https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/payment-services-and-electronic-money/guidelines-on-security-measures-for-operational-and-security-risks-under-the-psd2>

- iv. verifiki tad-diliġenza dovuta dwar fornituri tas-servizz prospettivi, inklużi l-miżuri meħtieġa skont it-Taqsima 12.3;
  - v. proċeduri għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, il-ġestjoni u l-mitigazzjoni ta' kunflitti ta' interess potenzjali, skont it-Taqsima 8;
  - vi. l-ippjanar tal-kontinwità tan-negozju skont it-Taqsima 9;
  - vii. il-proċess ta' approvazzjoni ta' arranġamenti tal-esternalizzazzjoni ġodda;
- d. l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni, inklużi:
- i. il-valutazzjoni kontinwa tal-prestazzjoni tal-fornitur tas-servizz f'konformità mat-Taqsima 14;
  - ii. il-proċeduri biex jiġi nnotifikat u jingħata rispons għal bidliet f'arranġament ta' esternalizzazzjoni jew fornitur tas-servizz (eż. fil-pożizzjoni finanzjarja, fl-istrutturi organizzattivi jew ta' sjieda, u fis-subesternalizzazzjoni tiegħu);
  - iii. ir-rieżami u l-awditjar indipendenti ta' konformità mar-rekwiżiti u l-politiki legali u regolatorji;
  - iv. Il-proċessi ta' tiġdid;
- e. id-dokumentazzjoni u ż-żamma tar-rekords, b'kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti fit-Taqsima 11;
- f. l-istrateġiji ta' ħruġ u l-proċessi ta' terminazzjoni, inkluż rekwiżit għal pjan ta' ħruġ iddokumentat għal kull funzjoni kritika jew importanti li għandha tiġi esternalizzata meta tali ħruġ jitqies possibbli b'kunsiderazzjoni tal-interruzzjonijiet possibbli fis-servizz jew it-terminazzjoni mhux mistennija ta' ftehim ta' esternalizzazzjoni.

43. Il-politika ta' esternalizzazzjoni għandha tiddistingwi bejn dan li ġej:

- a. l-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti u arranġamenti ta' esternalizzazzjoni oħra;
- b. l-esternalizzazzjoni lil fornituri tas-servizz li huma awtorizzati minn awtorità kompetenti u dawk li mhumiex;
- c. l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni intragrupp, l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni fl-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali (inklużi entitajiet li jkunu kompletament il-proprietà tal-istituzzjonijiet fi ħdan l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali b'mod individwali jew kollettiv) u l-esternalizzazzjoni lil entitajiet barra mill-grupp; u

- d. L-esternalizzazzjoni lil fornituri tas-servizz li jkunu jinsabu fi ħdan Stat Membru u pajjiż terz.
44. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw li l-politika tkopri l-identifikazzjoni tal-effetti potenzjali li ġejjin tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni kritiċi jew importanti u li dawn jittqiesu fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet:
- a. il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni;
  - b. il-kapaċità li jissorveljaw lill-fornitur tas-servizz u li jiġġestixxu r-riskji;
  - c. il-miżuri tal-kontinwità tan-negozju; u
  - d. il-prestazzjoni tal-attivitajiet tan-negozju tagħhom.

## 8 Kunflitti ta' interess

45. L-istituzzjonijiet, f'konformità mat-Titolu IV, Taqsima 11, tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna,<sup>27</sup> u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jidentifikaw, jivvalutaw u jiġġestixxu l-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tagħhom.
46. Meta l-esternalizzazzjoni toħloq kunflitti ta' interess materjali, inkluż bejn l-entitajiet fl-istess grupp jew fl-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiġġestixxu dawk il-kunflitti ta' interess.
47. Meta l-funzjonijiet jiġu pprovduti minn fornitur tas-servizz li jkun jagħmel parti minn grupp jew ikun membru ta' skema ta' protezzjoni istituzzjonali jew li jkun il-proprietà tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni ta' pagament, grupp jew istituzzjonijiet li jkunu membri ta' skema ta' protezzjoni istituzzjonali, il-kundizzjonijiet, inklużi l-kundizzjonijiet finanzjarji, għas-servizz esternalizzat għandhom jiġu stabbiliti f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta. Madankollu, fl-ipprezzar tas-servizzi, jistgħu jittqiesu s-sinerġiji li jirriżultaw mill-provvediment tal-istess servizzi jew servizzi simili lil diversi istituzzjonijiet fi grupp jew fi skema ta' protezzjoni istituzzjonali, dment li l-fornitur tas-servizz jibqa' vijabbli fuq bażi awtonoma; fi grupp dan għandu jittwettaq irrispettivament min-nuqqas ta' kwalunkwe entità oħra tal-grupp.

## 9 Pjanijiet tal-kontinwità tan-negozju

48. L-istituzzjonijiet, f'konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 85(2) tad-Direttiva 2013/36/UE u t-Titolu VI tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna,<sup>28</sup> u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jimplimentaw, iżommu u jittestjaw perjodikament pjanijiet xierqa tal-kontinwità tan-negozju fir-rigward tal-funzjonijiet kritiċi jew importanti esternalizzati. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament fi grupp jew skema ta' protezzjoni istituzzjonali jistgħu jiddependu

<sup>27</sup> L-istituzzjonijiet ta' pagament jistgħu jallinjaw ukoll il-politiki tagħhom ma' dawk il-linji gwida.

<sup>28</sup> Disponibbli fuq: <https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/internal-governance/guidelines-on-internal-governance-revised->

fuq pjanijiet tal-kontinwità tan-negozju stabbiliti b'mod ċentrali fir-rigward tal-funzjonijiet esternalizzati tagħhom.

49. Il-pjanijiet tal-kontinwità tan-negozju għandhom iqisu l-avveniment possibbli li l-kwalità tal-forniment tal-funzjoni kritika jew importanti esternalizzata tiddeterjora għal livell inaċċettabbli jew tispiċċa fix-xejn. Tali pjanijiet għandhom iqisu wkoll l-impatt potenzjali tal-insolvenza jew nuqqasijiet oħra tal-fornituri tas-servizz u, fejn rilevanti, ir-riskji politiċi fil-ġurisdizzjoni tal-fornitur tas-servizz.

## 10 Funzjoni ta' awditjar intern

50. L-attivitajiet tal-funzjoni ta' awditjar intern<sup>29</sup> għandhom ikopru, skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju, ir-rieżami indipendenti tal-attivitajiet esternalizzati. Il-pjan<sup>30</sup> u l-programm ta' awditjar għandhom jinkludu, b'mod partikolari, l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti.
51. Fir-rigward tal-proċess tal-esternalizzazzjoni, il-funzjoni ta' awditjar intern għandha mill-inqas tiddetermina:
- li l-qafas għall-esternalizzazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament, inkluża l-politika ta' esternalizzazzjoni, huwa implimentat b'mod korrett u effettiv u huwa konformi mal-liġijiet u mar-regolamentazzjoni applikabbli, mal-istrateġija tar-riskju u mad-deċiżjonijiet tal-korp maniġerjali;
  - l-adekwatezza, il-kwalità u l-effikaċja tal-valutazzjoni tal-kritikalità jew tal-importanza tal-funzjonijiet;
  - l-adekwatezza, il-kwalità u l-effikaċja tal-valutazzjoni tar-riskju għall-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni u li r-riskji jibqgħu konformi mal-istrateġija tal-istituzzjoni għall-ġestjoni tar-riskju;
  - l-involvement xieraq tal-korpi ta' governanza; u
  - il-monitoraġġ u l-ġestjoni xierqa tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni.

## 11 Rekwiżiti marbutin mad-dokumentazzjoni

52. Bħala parti mill-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom iżommu regjistru aġġornat ta' informazzjoni dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni kollha fil-livell tal-istituzzjoni u, fejn applikabbli, fil-livell subkonsolidat u f'dak konsolidat, kif stabbilit fit-Taqsima 2, u għandhom jiddokumentaw kif xieraq l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni attwali kollha, filwaqt li jiddistingwu bejn l-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti u arranġamenti ta' esternalizzazzjoni oħrajn. B'kunsiderazzjoni tal-liġi nazzjonali, l-istituzzjonijiet għandhom iżommu d-dokumentazzjoni ta' arranġamenti ta' esternalizzazzjoni mitmuma fir-regjistru u d-dokumentazzjoni ta' sostenn għal perjodu xieraq.

---

<sup>29</sup> Fir-rigward tar-responsabbiltajiet tal-funzjoni ta' awditjar intern, l-istituzzjonijiet għandhom jirreferu għat-Taqsima 22 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna (<https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/internal-governance/guidelines-on-internal-governance-revised->) u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jirreferu għal-Linja Gwida 5 tal-linji gwida tal-EBA dwar l-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' pagament (<https://eba.europa.eu/documents/10180/1904583/Final+Guidelines+on+Authorisations+of+Payment+Institutions+%28EBA-GL-2017-09%29.pdf>).

<sup>30</sup> Ara wkoll il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni superviżorji: <https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/supervisory-review-and-evaluation-srep-and-pillar-2/guidelines-for-common-procedures-and-methodologies-for-the-supervisory-review-and-evaluation-process-srep-and-supervisory-stress-testing>

53. B'kunsiderazzjoni tat-Titolu I ta' dawn il-linji gwida, u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 23(d), għall-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament fi grupp, l-istituzzjonijiet affiljati fuq bażi permanenti ma' korp ċentrali jew l-istituzzjonijiet li huma membri tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali, ir-reġistru jista' jinżamm b'mod ċentrali.
54. Ir-reġistru għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja għall-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni kollha:
- a. numru ta' referenza għal kull arranġament ta' esternalizzazzjoni;
  - b. id-data tal-bidu u, kif applikabbli, id-data li jmiss tat-tiġdid tal-kuntratt, id-data tat-tmim u/jew il-perjodi ta' avviż għall-fornitur tas-servizz u għall-istituzzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament;
  - c. deskrizzjoni fil-qosor tal-funzjoni esternalizzata, inkluża d-data li tiġi esternalizzata u jekk ġietx trasferita data personali (eż. billi wieħed jikteb iva jew le f'entrata tad-data separata) jew jekk l-ipproċessar tagħha jiġix esternalizzat lil fornitur tas-servizz;
  - d. kategorija assenjata mill-istituzzjoni jew mill-istituzzjoni ta' pagament li tirrifletti n-natura tal-funzjoni kif deskritt fil-punt (c) (eż. teknoloġija tal-informazzjoni (IT), funzjoni ta' kontroll), li għandha tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' tipi differenti ta' arranġamenti;
  - e. l-isem tal-fornitur tas-servizz, in-numru tar-reġistrazzjoni korporattiva, l-identifikatur tal-entità legali (fejn disponibbli), l-indirizz irreġistrat u dettalji ta' kuntatt oħra rilevanti, u l-isem tal-kumpanija omm tiegħu (jekk applikabbli);
  - f. il-pajjiż jew il-pajjiżi fejn is-servizz għandu jitwettaq, inkluż il-post (jiġifieri l-pajjiż jew ir-reġjun) tad-data;
  - g. jekk (iva/le) il-funzjoni esternalizzata titqiesx bħala kritika jew importanti, inkluż, fejn applikabbli, sommarju qasir tar-raġunijiet għaliex il-funzjoni esternalizzata titqies bħala kritika jew importanti;
  - h. fil-każ ta' esternalizzazzjoni lil fornitur tas-servizz ta' cloud, is-servizz ta' cloud u l-mudelli ta' użu, jiġifieri pubbliku/privat/ibridu/komunitarju, u n-natura speċifika tad-data li għandha tinżamm u l-postijiet (jiġifieri l-pajjiżi jew ir-reġjuni) fejn se tinħażen tali data;
  - i. id-data tal-aktar valutazzjoni reċenti fir-rigward tal-kritikalità jew tal-importanza tal-funzjoni esternalizzata.
55. Fir-rigward tal-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti, ir-reġistru għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

- a. l-istituzzjonijiet, l-istituzzjonijiet ta' pagament u ditti oħra fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni prudenzjali jew l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali, fejn applikabbli, li jagħmlu użu mill-esternalizzazzjoni;
  - b. jekk il-fornitur tas-servizz jew il-fornitur tas-subservizz jagħmilx parti mill-grupp jew huwiex membru tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjoni jew huwiex il-proprjetà tal-istituzzjonijiet jew tal-istituzzjonijiet ta' pagament fil-grupp jew huwiex il-proprjetà ta' membri ta' skema ta' protezzjoni istituzzjonali;
  - c. id-data tal-aktar valutazzjoni tar-riskju reċenti u sommarju qasir tar-risultati ewlenin;
  - d. l-individwu jew il-korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet (eż. il-korp managerjali) fl-istituzzjoni jew fl-istituzzjoni ta' pagament li approva l-arranġament ta' esternalizzazzjoni;
  - e. il-liġi li tirregola l-ftehim ta' esternalizzazzjoni;
  - f. id-dati tal-aktar awditi reċenti u tal-awditi skedati li jmiss, fejn applikabbli;
  - g. fejn applikabbli, l-ismijiet ta' kwalunkwe sottokuntrattur li lilu jiġu subesternalizzati partijiet materjali ta' funzjoni kritika jew importanti, inkluż il-pajjiż fejn is-sottokuntratturi huma rreġistrati, fejn se jitwettaq is-servizz u, jekk applikabbli, il-post (jiġifieri l-pajjiż jew ir-reġjun) fejn se tinħażen id-data;
  - h. eżitu tal-valutazzjoni dwar is-sostitwibbiltà tal-fornitur tas-servizz (bħala faċli, diffiċli jew impossibbli), il-possibbiltà li funzjoni kritika jew importanti tiġi integrata mill-ġdid fl-istituzzjoni jew fl-istituzzjoni ta' pagament jew l-impatt tal-waqfien tal-funzjoni kritika jew importanti;
  - i. l-identifikazzjoni ta' fornituri tas-servizz alternattivi f'konformità mal-punt (h);
  - j. jekk il-funzjoni kritika jew importanti esternalizzata tappoġġjax l-operazzjonijiet tan-negozju li jkunu urġenti;
  - k. l-istima tal-kost tal-baġit annwali.
56. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom, fuq talba, jagħmlu disponibbli għall-awtorità kompetenti jew ir-reġistru sħiħ tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni kollha eżistenti<sup>31</sup> jew taqsimiet speċifikati ta' dan, bħal informazzjoni dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni kollha li jaqgħu f'waħda mill-kategoriji msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 54 ta' dawn il-linji gwida (eż. l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-IT kollha). L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jipprovdu din l-informazzjoni f'forma elettronika proċessabbli (eż. format tal-bażi tad-data li jintuża ta' spiss, valuri separati b'virgola).
57. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom, fuq talba, jagħmlu disponibbli għall-awtorità kompetenti l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista'

<sup>31</sup> Jekk jogħġbok irreferi wkoll għal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-proċess ta' revizzjoni u evalwazzjoni superviżorji, disponibbli fuq: <https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/supervisory-review-and-evaluation-srep-and-pillar-2>



teżerċita s-superviżjoni effettiva tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament, inkluż, meta tkun meħtieġa, kopja tal-ftehim ta' esternalizzazzjoni.

58. L-istituzzjonijiet, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19(6) tad-Direttiva (UE) 2015/2366, u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jinfurmaw b'mod xieraq lill-awtoritajiet kompetenti fil-ħin jew jidħlu fi djalogu superviżorju mal-awtoritajiet kompetenti dwar l-esternalizzazzjoni maħsuba ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti u/jew meta funzjoni esternalizzata tkun saret kritika jew importanti u jipprovdu mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 54.
59. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament<sup>32</sup> għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti fil-ħin dwar bidliet materjali u/jew avvenimenti serji fir-rigward tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tagħhom li jstgħu jħallu impatt materjali fuq il-kontinwità tal-forniment tal-attivitajiet tan-negozju tal-istituzzjonijiet jew tal-istituzzjonijiet ta' pagament.
60. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiddokumentaw kif xieraq il-valutazzjonijiet li jsiru skont it-Titolu IV u r-riżultati tal-monitoraġġ kontinwu tagħhom (eż. il-prestazzjoni tal-fornitur tas-servizz, il-konformità mal-livelli tas-servizz mifthiema, rekwiżiti kuntrattwali u regulatorji oħra, l-aġġornamenti fil-valutazzjoni tar-riskju).

## Titolu IV – Proċess tal-esternalizzazzjoni

### 12 Analiżi ta' qabel l-esternalizzazzjoni

61. Qabel jidħlu fi kwalunkwe ftehim ta' esternalizzazzjoni, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom:
  - a. jivvalutaw jekk l-arranġament ta' esternalizzazzjoni jikkonċernax funzjoni kritika jew importanti, kif stabbilit fit-Titolu II;
  - b. jivvalutaw jekk il-kundizzjonijiet superviżorji għall-esternalizzazzjoni stabbiliti fit-Taqsima 12.1 humiex issodisfati;
  - c. jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskji kollha rilevanti tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni skont it-Taqsima 12.2;
  - d. iwettqu diliġenza dovuta xierqa fil-konfront tal-fornitur tas-servizz prospettiv skont it-Taqsima 12.3;
  - e. jidentifikaw u jivvalutaw il-kunflitti ta' interess li l-esternalizzazzjoni tista' tikkawża skont it-Taqsima 8.

---

<sup>32</sup> Ara wkoll il-Linji Gwida tal-EBA dwar ir-rappurtar tal-inċidenti ewlenin skont il-PSD2, disponibbli fuq: <https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/payment-services-and-electronic-money/guidelines-on-major-incidents-reporting-under-psd2>

## 12.1 Kundizzjonijiet superviżorji għall-esternalizzazzjoni

62. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw li l-esternalizzazzjoni tal-funzjonijiet tal-attivitajiet bankarji<sup>33</sup> jew tas-servizzi ta' pagament, sal-punt li l-prestazzjoni ta' dik il-funzjoni tirrikjedi awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni minn awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn dawn ikunu awtorizzati, lil fornitur tas-servizz li jkun jinsab fl-istess Stat Membru jew fi Stat Membru ieħor issir biss jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
- a. il-fornitur tas-servizz ikun awtorizzat jew irreġistrat minn awtorità kompetenti biex iwettaq tali attivitajiet bankarji jew servizzi ta' pagament; jew
  - b. il-fornitur tas-servizz ikun altrimenti permess li jwettaq dawk l-attivitajiet bankarji jew servizzi ta' pagament skont il-qafas legali nazzjonali rilevanti.
63. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw li l-esternalizzazzjoni tal-funzjonijiet tal-attivitajiet bankarji jew tas-servizzi ta' pagament, sal-punt li l-prestazzjoni ta' dik il-funzjoni tirrikjedi awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni minn awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn dawn ikunu awtorizzati, lil fornitur tas-servizz li jkun jinsab f'pajjiż terz issir biss jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- a. il-fornitur tas-servizz ikun awtorizzat jew irreġistrat biex jipprovdi dik l-attività bankarja jew is-servizz ta' pagament fil-pajjiż terz u jkun issorveljat minn awtorità kompetenti rilevanti f'dak il-pajjiż terz (imsejħa bħala "awtorità superviżorja");
  - b. ikun hemm ftehim ta' kooperazzjoni xieraq, eż. fil-forma ta' memorandum ta' qbil jew ftehim ta' kulleġġ, bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-istituzzjoni u l-awtoritajiet superviżorji responsabbli għas-superviżjoni tal-fornitur tas-servizz; u
  - c. il-ftehim ta' kooperazzjoni msemmi fil-punt (b) għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu, mill-inqas:
    - i. jiksbu, fuq talba, l-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu l-kompiti superviżorji tagħhom skont id-Direttiva 2013/36/UE, ir-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-Direttiva (UE) 2015/2366 u d-Direttiva 2009/110/KE;
    - ii. jiksbu aċċess xieraq għal kwalunkwe data, dokument, bini jew persunal fil-pajjiż terz li jkunu rilevanti għall-prestazzjoni tas-setgħat superviżorji tagħhom;
    - iii. jirċievu, malajr kemm jista' jkun, informazzjoni mill-awtorità superviżorja fil-pajjiż terz biex jinvestigaw ksur apparenti tar-rekwiżiti tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-Direttiva (UE) 2015/2366 u d-Direttiva 2009/110/KE; u

<sup>33</sup> Ara l-Artikolu 9 tas-CRD fir-rigward tal-projbizzjoni tal-persuni jew tal-impriżi għajr l-istituzzjonijiet ta' kreditu milli jwettqu n-negozju li jieħdu depożiti jew fondi oħra ripagabbli mill-pubbliku.

- iv. jikkooperaw mal-awtoritajiet superviżorji rilevanti fil-pajjiż terz fir-rigward tal-infurzar fil-każ ta' ksur tar-rekwiżiti regolatorji applikabbli u l-liġi nazzjonali fl-Istat Membru. Il-kooperazzjoni għandha tinkludi, iżda mhux neċessarjament tkun limitata għal, il-wasla ta' informazzjoni dwar ksur potenzjali tar-rekwiżiti regolatorji applikabbli mill-awtoritajiet superviżorji fil-pajjiż terz ladarba tkun prattikabbli.

## 12.2 Valutazzjoni tar-riskju tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni

64. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jivvalutaw l-impatt potenzjali tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni fuq ir-riskju operattiv tagħhom, għandhom iqisu r-risultati tal-valutazzjoni meta jiddeċiedu jekk il-funzjoni għandhiex tiġi esternalizzata lil fornitur tas-servizz u għandhom jieħdu passi xierqa biex jevitaw riskji operattivi addizzjonali mhux dovuti qabel jidħlu f'arranġamenti ta' esternalizzazzjoni.
65. Il-valutazzjoni għandha tinkludi, fejn xieraq, xenarji ta' avvenimenti ta' riskju possibbli, inklużi avvenimenti ta' riskju operattiv severi ħafna. Fl-analiżi tax-xenarju, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jivvalutaw l-impatt potenzjali tan-nuqqas tal-għoti tas-servizzi jew ta' servizzi inadegwati, inklużi r-riskji kkawżati mill-proċessi, mis-sistemi, mill-persuni jew minn avvenimenti esterni. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità msemmi fit-Taqsima 1, għandhom jiddokumentaw l-analiżi mwettqa u r-risultati tagħha u għandhom jivvalutaw il-punt sa fejn l-arranġament ta' esternalizzazzjoni jżid jew inaqqas ir-riskju operattiv tagħhom. B'kunsiderazzjoni tat-Titolu I, l-istituzzjonijiet żgħira u mhux kumplessi u l-istituzzjonijiet ta' pagament jistgħu jużaw approċċi ta' valutazzjoni tar-riskju kwalitattiva, filwaqt li l-istituzzjonijiet akbar jew kumplessi għandu jkollhom approċċ aktar sofistikat, inkluż, meta tkun disponibbli, l-użu ta' data interna u esterna dwar it-telf biex tiġi infurmata l-analiżi tax-xenarju.
66. Fil-valutazzjoni tar-riskju, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom iqisu wkoll il-benefiċċji u l-kostijiet mistennija tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni propost, inkluż billi jippreżaw kwalunkwe riskju li jista' jidher kontra kwalunkwe riskju li jista' jinħoloq b'risultat tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni propost, billi mill-inqas iqisu:
  - a. ir-riskji tal-konċentrazzjoni, inkluż:
    - i. mill-esternalizzazzjoni lil fornitur tas-servizz dominanti li ma jkunx jista' jiġi sostitwit faċilment; u
    - ii. minn diversi arranġamenti ta' esternalizzazzjoni mal-istess fornitur tas-servizz jew ma' fornituri tas-servizz marbuta mill-qrib;
  - b. ir-riskji aggregati li jirriżultaw mill-esternalizzazzjoni ta' diversi funzjonijiet fost l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament u, fil-każ ta' gruppi ta' istituzzjonijiet jew

skemi ta' protezzjoni istituzzjonali, ir-riskji aggregati fuq bażi konsolidata jew fuq il-baży tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali;

- c. fil-każ ta' istituzzjonijiet sinifikanti, ir-riskju "step-in", jiġifieri r-riskju li jista' jirriżulta mill-ħtieġa li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju lil fornitur tas-servizz li jkun f'diffikultà jew biex jittieħed il-kontroll tal-operazzjonijiet tan-negożju tiegħu; u
- d. l-miżuri implimentati mill-istituzzjoni jew mill-istituzzjoni ta' pagament u mill-fornitur tas-servizz biex jiġġestixxu u jnaqqsu r-riskji.

67. Meta l-arranġament ta' esternalizzazzjoni jkun jinkludi l-possibbiltà li l-fornitur tas-servizz iwettaq subesternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti lil fornituri tas-servizz oħra, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom iqisu:

- a. ir-riskji assoċjati mas-subesternalizzazzjoni, inklużi r-riskji addizzjonali li jistgħu jinħolqu jekk is-sottokuntrattur ikun jinsab f'pajjiż terz jew f'pajjiż differenti mill-fornitur tas-servizz;
- b. ir-riskju li ktajjen twal u kumplessi ta' subesternalizzazzjoni jnaqqsu l-kapaċità tal-istituzzjonijiet jew tal-istituzzjonijiet ta' pagament biex jissorveljaw il-funzjoni kritika jew importanti esternalizzata u l-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti biex jissorveljawhom b'mod effettiv.

68. Meta jwettqu l-valutazzjoni tar-riskju qabel l-esternalizzazzjoni jew matul il-monitoraġġ kontinwu tal-prestazzjoni tal-fornitur tas-servizz, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom, mill-inqas:

- a. jidentifikaw u jikklassifikaw il-funzjonijiet rilevanti u d-data u s-sistemi relatati fir-rigward tas-sensittività tagħhom u l-miżuri ta' sigurtà meħtieġa;
- b. iwettqu analiżi bir-reqqa bbażata fuq ir-riskju tal-funzjonijiet u tad-data u tas-sistemi relatati li jkunu qed jitqiesu biex jiġu esternalizzati jew ikunu ġew esternalizzati u jindirizzaw ir-riskji potenzjali, b'mod partikolari r-riskji operattivi, inklużi r-riskji legali, tal-ICT, ta' konformità u ta' reputazzjoni, u l-limitazzjonijiet tas-sorveljanza relatati mal-pajjiżi fejn is-servizzi esternalizzati jiġu pprovduti jew jistgħu jiġu pprovduti u fejn id-data tinħażen jew x'aktarx li tinħażen;
- c. iqisu l-konsegwenzi ta' fejn ikun jinsab il-fornitur tas-servizz (fl-UE jew barra minnha);
- d. iqisu l-istabbiltà politika u s-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-ġurisdizzjonijiet inkwistjoni, inklużi:
  - i. il-liġijiet fis-seħħ, inklużi l-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data;
  - ii. id-dispożizzjonijiet dwar l-infurzar tal-liġi fis-seħħ; u

- iii. d-dispożizzjonijiet relatati mal-liġi dwar l-insolvenza li japplikaw fl-eventwalità ta' falliment ta' fornitur tas-servizz u kwalunkwe restrizzjoni li tirriżulta fir-rigward tal-irkupru urġenti tad-data tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament b'mod partikolari;
- e. jiddefinixxu u jiddeċiedu dwar livell xieraq ta' protezzjoni tal-kunfidenzjalità tad-data, tal-kontinwità tal-attivitajiet esternalizzati, u tal-integrità u t-traċċabbiltà tad-data u tas-sistemi fil-kuntest tal-esternalizzazzjoni maħsuba. Fejn ikun meħtieġ, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom iqisu wkoll miżuri speċifiċi għal data fi tranżitu, data f'memorja u data wieqfa, bħall-użu ta' teknoloġiji ta' kriptaġġ flimkien ma' struttura ta' ġestjoni ewlenija xierqa;
- f. iqisu jekk il-fornitur tas-servizz huwiex sussidjarja jew impriża omm tal-istituzzjoni, huwiex inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni tal-kontabbiltà jew huwiex membru ta' istituzzjonijiet jew huwiex il-proprjetà ta' istituzzjonijiet li huma membri ta' skema ta' protezzjoni istituzzjonali u, jekk iva, il-punt sa fejn l-istituzzjoni tikkontrolla jew għandha l-kapaċità li tinfluwenza l-azzjonijiet tiegħu skont it-Taqsima 2.

### 12.3 Diliġenza dovuta

- 69. Qabel ma jidħlu f'arranġament ta' esternalizzazzjoni u b'kunsiderazzjoni tar-riskji operattivi relatati mal-funzjoni li għandha tiġi esternalizzata, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw fil-proċess ta' għażla u ta' valutazzjoni tagħhom li l-fornitur tas-servizz huwa adegwat.
- 70. Fir-rigward tal-funzjonijiet kritiċi u importanti, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw li l-fornitur tas-servizz għandu r-reputazzjoni fil-qasam tan-negozju, kapaċitajiet xierqa u suffiċjenti, l-għarfien espert, il-kapaċità, ir-riżorsi (eż. umani, tal-IT, finanzjarji), l-istruttura organizzattiva u, jekk applikabbli, l-awtorizzazzjoni(jiet) jew ir-reġistrazzjoni(jiet) regolatorja(i) biex iwettaq il-funzjoni kritika jew importanti b'mod affidabbli u professjonali biex jissodisfa l-obbligi tiegħu għat-tul taż-żmien tal-abbozz tal-kuntratt.
- 71. Fatturi addizzjonali li għandhom jitqiesu meta titwettaq diliġenza dovuta fil-konfront ta' fornitur ta' servizz potenzjali jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:
  - a. il-mudell ta' negozju, in-natura, l-iskala, il-kumplessità, is-sitwazzjoni finanzjarja, is-sjeda u l-istruttura tal-grupp tiegħu;
  - b. ir-relazzjonijiet fit-tul mal-fornituri tas-servizz li jkunu diġà ġew ivvalutati u jwettqu servizzi għall-istituzzjoni jew għall-istituzzjoni ta' pagament;
  - c. jekk il-fornitur tas-servizz huwiex impriża omm jew sussidjarja tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament, jagħmilx parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kontabbiltà tal-konsolidazzjoni tal-istituzzjoni jew huwiex membru ta' istituzzjonijiet jew huwiex il-

proprjetà ta' istituzzjonijiet li huma membri tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali li l-istituzzjoni tappartjeni għaliha;

d. jekk il-fornitur tas-servizz huwiex issorveljat minn awtoritajiet kompetenti.

72. Meta l-esternalizzazzjoni tkun tinvolvi l-ipproċessar ta' data personali jew kunfidenzjali, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom ikunu sodisfatti bil-fatt li l-fornitur tas-servizz jimplementa miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiproteġi d-data.
73. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jieħdu passi xierqa biex jiżguraw li l-fornituri tas-servizz jaġixxu b'mod konsistenti mal-valuri u l-kodiċi tal-imġiba tagħhom. B'mod partikolari, fir-rigward tal-fornituri tas-servizz li jkunu jinsabu f'pajjiżi terzi, u, jekk applikabbli, is-sottokuntratturi tagħhom, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom ikunu sodisfatti bil-fatt li l-fornitur tas-servizz jaġixxi b'mod responsabbli mil-lat etiku u soċjali u jaderixxi mal-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem (eż. il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem), il-ħarsien tal-ambjent u kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa, inkluża l-projbizzjoni tat-tħaddim tat-tfal.

## 13 Fażi kuntrattwali

74. Id-drittijiet u l-obbligi tal-istituzzjoni, l-istituzzjonijiet ta' pagament u l-fornitur tas-servizz għandhom jiġu allokatu u stabbiliti b'mod ċar fi ftehim bil-miktub.
75. Il-ftehim ta' esternalizzazzjoni għal funzjonijiet kritiċi jew importanti għandu jstabbilixxi mill-inqas:
- a. deskrizzjoni ċara tal-funzjoni esternalizzata li għandha tiġi pprovduta;
  - b. id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem, fejn applikabbli, tal-ftehim u l-perjodi ta' avviż għall-fornitur tas-servizz u l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament;
  - c. il-liġi li tirregola l-ftehim;
  - d. l-obbligi finanzjarji tal-partijiet;
  - e. jekk is-subesternalizzazzjoni ta' funzjoni kritika jew importanti, jew ta' partijiet materjali tagħha, hijiex permessa u, jekk iva, il-kundizzjonijiet speċifikati fit-Taqsima 13.1 li s-subesternalizzazzjoni hija soġġetta għalihom;
  - f. il-post(ijiet) (jiġifieri reġjuni jew pajjiżi) fejn il-funzjoni kritika jew importanti se tiġi pprovduta u/jew fejn id-data rilevanti se tinħażen u tiġi pproċessata, inkluż il-post tal-ħżin possibbli, u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati, inkluż rekwiżit biex l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament tiġi notifikata jekk il-fornitur tas-servizz jipproponi li jibdel il-post(ijiet);
  - g. fejn rilevanti, dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà, id-disponibbiltà, l-integrità, il-privatezza u s-sikurezza tad-data rilevanti, kif speċifikat fit-Taqsima 13.2;
  - h. id-dritt tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament li timmonitorja l-prestazzjoni tal-fornitur tas-servizz fuq bażi kontinwa;
  - i. il-livelli tas-servizz miftiehma, li għandhom jinkludu miri ta' prestazzjoni kwantitattivi u kwalitattivi preċiżi għall-funzjoni esternalizzata biex ikun jista' jsir monitoraġġ fil-ħin sabiex tkun tista' tittieħed l-azzjoni korrettiva xierqa mingħajr dewmien bla bżonn jekk il-livelli tas-servizz miftiehma ma jiġux issodisfati;
  - j. l-obbligi tar-rapportar tal-fornitur tas-servizz lill-istituzzjoni jew lill-istituzzjoni ta' pagament, inkluża l-komunikazzjoni mill-fornitur tas-servizz dwar kwalunkwe żvilupp li jista' jkollu impatt materjali fuq il-kapaċità tal-fornitur tas-servizz biex iwettaq b'mod effettiv il-funzjoni kritika jew importanti f'konformità mal-livelli tas-servizz miftiehma u f'konformità mal-liġijiet u r-rekwiżiti regolatorji applikabbli u, kif xieraq, l-obbligi li jippreżenta rapporti dwar il-funzjoni ta' awditjar intern tal-fornitur tas-servizz;

- k. jekk il-fornitur tas-servizz għandux jieħu assigurazzjoni obligatorja kontra ċerti riskji u, jekk applikabbli, il-livell tal-kopertura tal-assigurazzjoni mitluba;
- l. ir-rekwiżiti biex jiġu implimentati u ttestjati pjanijiet ta' kontinġenza tan-negozju;
- m. dispożizzjonijiet li jiżguraw li d-data li hija proprjetà tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament tkun tista' tiġi aċċessata fil-każ tal-insolvenza, ir-riżoluzzjoni jew il-waqfien tal-operazzjonijiet tan-negozju tal-fornitur tas-servizz;
- n. l-obbligu tal-fornitur tas-servizz li jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti u mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament, inklużi persuni oħra maħtura minnhom;
- o. fir-rigward tal-istituzzjonijiet, referenza ċara għas-setgħat tal-awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali, speċjalment għall-Artikoli 68 u 71 tad-Direttiva 2014/59/UE (BRRD), u b'mod partikolari deskrizzjoni tal-"obbligi sostantivi" tal-kuntratt fis-sens tal-Artikolu 68 ta' dik id-Direttiva;
- p. id-dritt mhux ristrett tal-istituzzjonijiet, tal-istituzzjonijiet ta' pagament u tal-awtoritajiet kompetenti biex jispjegaw u jivverifikaw lill-fornitur tas-servizz fir-rigward, b'mod partikolari, tal-funzjoni kritika jew importanti esternalizzata, kif speċifikat fit-Taqsima 13.3;
- q. id-drittijiet tat-terminazzjoni, kif speċifikat fit-Taqsima 13.4.

### 13.1 Subesternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti

76. Il-ftehim ta' esternalizzazzjoni għandu jispeċifika jekk is-subesternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti, jew ta' partijiet materjali tagħhom, hijiex permessa.
77. Jekk is-subesternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti tkun permessa, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiddeterminaw jekk il-parti tal-funzjoni li għandha tiġi subesternalizzata hijiex, bħala tali, kritika jew importanti (jiġifieri parti materjali tal-funzjoni kritika jew importanti) u jekk iva, jirreġistraw dan fir-reġistru.
78. Jekk is-subesternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti tkun permessa, il-ftehim bil-miktub għandu:
- a. jispeċifika kwalunkwe tip ta' attivitajiet li jkunu esklużi mis-subesternalizzazzjoni;
  - b. jispeċifika l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu osservati fil-każ tas-subesternalizzazzjoni;
  - c. jispeċifika li l-fornitur tas-servizz huwa obligat li jissorvelja dawk is-servizzi li jkunu ġew subesternalizzati minnu sabiex jiġi żgurat li l-obbligi kuntrattwali kollha bejn il-fornitur tas-servizz u l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament jiġu ssodisfati kontinwament;



- d. jitlob lill-fornitur tas-servizz jikseb awtorizzazzjoni bil-miktub speċifika jew ġenerali minn qabel mill-istituzzjoni jew mill-istituzzjoni ta' pagament qabel id-data tas-subesternalizzazzjoni;<sup>34</sup>
  - e. jinkludi obbligu tal-fornitur tas-servizz biex jinforma lill-istituzzjoni jew lill-istituzzjoni ta' pagament dwar kwalunkwe subesternalizzazzjoni maħsuba, jew bidliet materjali fiha, b'mod partikolari meta dawn jistgħu jaffettwaw il-kapaċità tal-fornitur tas-servizz biex jissodisfa r-responsabbiltajiet tiegħu skont il-ftehim ta' esternalizzazzjoni. Dan jinkludi bidliet sinifikanti maħsuba tas-sottokuntratturi u fil-perjodu ta' avviż; b'mod partikolari, il-perjodu ta' avviż li għandu jiġi stabbilit għandu jippermetti lill-istituzzjoni ta' esternalizzazzjoni jew lill-istituzzjoni ta' pagament biex mill-inqas twettaq valutazzjoni tar-riskju tal-bidliet proposti u biex toġġezzjona għall-bidliet qabel ma s-subesternalizzazzjoni maħsuba, jew il-bidliet materjali fiha, jidħlu fis-seħħ;
  - f. jiżgura, fejn xieraq, li l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament għandha d-dritt li toġġezzjona għas-subesternalizzazzjoni maħsuba, jew għall-bidliet materjali fiha, jew li hija meħtieġa approvazzjoni espliċita;
  - g. jiżgura li l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament għandha d-dritt kuntrattwali li ttemm il-ftehim fil-każ ta' subesternalizzazzjoni mhux dovuta, eż. meta s-subesternalizzazzjoni żżid materjalment ir-riskji għall-istituzzjoni jew għall-istituzzjoni ta' pagament jew meta l-fornitur tas-servizz iwettaq subesternalizzazzjoni mingħajr ma jinnotifika lill-istituzzjoni jew lill-istituzzjoni ta' pagament.
79. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jaqblu għas-subesternalizzazzjoni biss jekk is-sottokuntrattur jimpenja ruħu li:
- a. jikkonforma mal-liġijiet, ir-rekwiżiti regolatorji u l-obbligi kuntrattwali kollha applikabbli; u
  - b. jagħti lill-istituzzjoni, lill-istituzzjoni ta' pagament u lill-awtorità kompetenti l-istess drittijiet kuntrattwali ta' aċċess u awditjar bħal dawk mogħtija mill-fornitur tas-servizz.
80. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw li l-fornitur tas-servizz jissorvelja kif xieraq lis-subfornituri tas-servizz, f'konformità mal-politika ddefinita mill-istituzzjoni jew mill-istituzzjoni ta' pagament. Jekk is-subesternalizzazzjoni proposta jista' jkollha effetti negattivi materjali fuq l-arranġament ta' esternalizzazzjoni ta' funzjoni kritika jew importanti jew twassal għal żieda ta' riskju materjali, inkluż meta l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 79 ma jiġux issodisfati, l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament għandha teżerċita d-dritt tagħha li toġġezzjona għas-subesternalizzazzjoni, jekk tali dritt ikun ġie miftiehem, u/jew ittemm il-kuntratt.

<sup>34</sup> Ara l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 2016/679.

## 13.2 Sigurtà tad-data u tas-sistemi

81. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizz, fejn rilevanti, jikkonformaw ma' standards xierqa dwar is-sigurtà tal-IT.
82. Fejn rilevanti (eż. fil-kuntest ta' esternalizzazzjoni ta' cloud jew ta' ICT oħra), l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiddefinixxu rekwiżiti dwar is-sigurtà tad-data u tas-sistemi fil-ftehim ta' esternalizzazzjoni u jimmonitorjaw il-konformita ma' dawn ir-rekwiżiti fuq bażi kontinwa.
83. Fil-każ ta' esternalizzazzjoni lill-fornituri tas-servizz ta' cloud jew arranġamenti ta' esternalizzazzjoni oħra li jinvolvu l-ġestjoni jew it-trattament ta' data personali jew kunfidenzjali, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jadottaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju fir-rigward tal-ħżin tad-data u tal-post(ijiet) tal-ipproċessar tad-data (jiġifieri pajjiż jew reġjun) u kunsiderazzjonijiet dwar is-sigurtà tal-informazzjoni.
84. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2016/679, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament, meta jwettqu esternalizzazzjoni (b'mod partikolari lejn pajjiżi terzi), għandhom iqisu d-differenzi fid-dispożizzjonijiet nazzjonali fir-rigward tal-protezzjoni tad-data. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw li l-ftehim ta' esternalizzazzjoni jinkludi l-obbligu li l-fornitur tas-servizz jiproteġi informazzjoni kunfidenzjali, personali jew altrimenti sensittiva u jikkonforma mar-rekwiżiti legali kollha fir-rigward tal-protezzjoni tad-data li japplikaw għall-istituzzjoni jew għall-istituzzjoni ta' pagament (eż. il-protezzjoni tad-data personali u li s-segretezza bankarja jew dmirijiet legali simili dwar il-kunfidenzjalità fir-rigward tal-informazzjoni tal-klijenti, fejn applikabbli, jiġu osservati).

## 13.3 Drittijiet ta' aċċess, ta' informazzjoni u ta' awditjar

85. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw fl-arranġament ta' esternalizzazzjoni bil-miktub, li l-funzjoni ta' awditjar intern hija kapaċi tirrevedi l-funzjoni esternalizzata permezz ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju.
86. Irrispettivament mill-kritikalità jew l-importanza tal-funzjoni esternalizzata, l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni bil-miktub bejn l-istituzzjonijiet u l-fornituri tas-servizz għandhom jirreferu għall-ġbir tal-informazzjoni u għas-setgħat investigattivi tal-awtoritajiet kompetenti u tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 63(1)(a) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-Artikolu 65(3) tad-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tal-fornituri tas-servizz li jkunu jinsabu fi Stat Membru u għandhom jiżguraw ukoll dawk id-drittijiet fir-rigward tal-fornituri tas-servizz li jkunu jinsabu f'pajjiżi terzi.
87. Fir-rigward tal-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw fil-ftehim ta' esternalizzazzjoni bil-miktub li l-fornitur tas-servizz jagħti lilhom u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inklużi l-awtoritajiet ta'

riżoluzzjoni, u lil kwalunkwe persuna oħra maħtura minnhom jew mill-awtoritajiet kompetenti, dan li ġejj:

- a. aċċess sħiħ għall-bini tan-negozju kollu rilevanti (eż. ufficiċji prinċipali u ċentri tal-operazzjoni), inkluża l-firxa sħiħa ta' tagħmir, sistemi, netwerks, informazzjoni u data rilevanti li jintużaw biex tiġi pprovduta l-funzjoni esternalizzata, inkluża informazzjoni finanzjarja relatata, il-persunal u l-awdituri esterni tal-fornitur tas-servizz ("drittijiet ta' aċċess u ta' informazzjoni"); u
  - b. drittijiet bla restrizzjoni ta' spezzjoni u ta' awditjar relatati mal-arranġament ta' esternalizzazzjoni ("drittijiet ta' awditjar"), sabiex dawn ikunu jistgħu jimmonitorjaw l-arranġament ta' esternalizzazzjoni u jiżguraw konformità mar-rekwiżiti regolatorji u kuntrattwali applikabbli kollha.
88. Fir-rigward tal-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet li mhumiex kritiċi jew importanti, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw id-drittijiet ta' aċċess u ta' awditjar kif stabbilit fil-paragrafu 87 (a) u (b) u fit-Taqsima 13.3, dwar approċċ ibbażat fuq ir-riskju, billi jqisu n-natura tal-funzjoni esternalizzata u r-riskji operattivi u ta' reputazzjoni relatati, l-iskalabbiltà tagħha, l-impatt potenzjali fuq il-prestazzjoni kontinwa tal-attivitajiet tagħhom u l-perjodu kuntrattwali. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom iqisu l-fatt li l-funzjonijiet jistgħu jsiru kritiċi jew importanti maż-żmien.
89. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw li l-ftehim ta' esternalizzazzjoni jew kwalunkwe arranġament kuntrattwali ieħor ma jxekklix jew jillimita l-eżerċitar effettiv tad-drittijiet ta' aċċess u ta' awditjar minnhom, mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-partijiet terzi maħtura minnhom biex jeżerċitaw dawn id-drittijiet.
90. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jeżerċitaw id-drittijiet ta' aċċess u ta' awditjar tagħhom, jiddeterminaw il-frekwenza tal-awditjar u l-oqsma li għandhom jiġu vverifikati fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju u jaderixxu ma' standards tal-awditjar nazzjonali u internazzjonali rilevanti u li huma aċċettati komunement.<sup>35</sup>
91. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà finali tagħhom fir-rigward tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament jistgħu jużaw:
- a. awditi miġbura li jiġu organizzati b'mod konġunt ma' klijenti oħra tal-istess fornitur tas-servizz ta' cloud, u li jitwettqu minn dawn il-klijenti jew minn parti terzi maħtura minnhom, sabiex ir-riżorsi tal-awditu jintużaw b'mod aktar effiċjenti u jitnaqqas il-piż organizzazzjonali kemm fuq il-klijenti kif ukoll fuq il-fornitur tas-servizz ta' cloud;
  - b. rapporti taċ-ċertifikazzjonijiet ta' parti terza u rapporti tal-awditu ta' parti terza jew interni li jkunu magħmula disponibbli mill-fornitur tas-servizz.

<sup>35</sup> Fir-rigward tal-istituzzjonijiet, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 22 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna: <https://eba.europa.eu/documents/10180/1972987/Final+Guidelines+on+Internal+Governance+%28EBA-GL-2017-11%29.pdf/eb859955-614a-4afb-bdcd-aaa664994889>

92. Fir-rigward tal-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jivvalutaw jekk iċ-ċertifikazzjonijiet u r-rapporti ta' parti terza kif imsemmi fil-paragrafu 91(b) humiex xierqa u suffiċjenti biex jikkonformaw mal-obbligi regolatorji tagħhom u maż-żmien m'għandhomx jiddependu biss fuq dawn ir-rapporti.
93. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jużaw il-metodu msemmi fil-paragrafu 91(b) biss jekk dawn:
- a. ikunu sodisfatti bil-pjan tal-awditjar għall-funzjoni esternalizzata;
  - b. jiżguraw li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rapport taċ-ċertifikazzjoni jew tal-awditu jkopri s-sistemi (jiġifieri l-proċessi, l-applikazzjonijiet, l-infrastruttura, ċentri tad-data, eċċ.) u kontrolli ewlenin identifikati mill-istituzzjoni jew mill-istituzzjoni ta' pagament u l-konformità ma' rekwiżiti regolatorji rilevanti;
  - c. jivvalutaw bir-reqqa l-kontenut tar-rapporti taċ-ċertifikazzjoni jew tal-awditu fuq bażi kontinwa u jivverifikaw li r-rapporti u ċ-ċertifikazzjonijiet mhumiex skaduti;
  - d. jiżguraw li s-sistemi u l-kontrolli ewlenin ikunu koperti fil-verżjonijiet futuri tar-rapport taċ-ċertifikazzjoni jew tal-awditu;
  - e. ikunu sodisfatti bil-kapaċità tal-parti li tiċċertifika jew li twettaq l-awditu (eż. fir-rigward tar-rotazzjoni tal-kumpanija li tiċċertifika jew li twettaq l-awditu, il-kwalifiki, l-għarfien espert, it-twettiq mill-ġdid/il-verifika tal-evidenza fil-fajl tal-awditjar sottostanti).
  - f. ikunu sodisfatti bil-ħruġ taċ-ċertifikati u bil-fatt li l-awditi jitwettqu skont standards professjonali rilevanti rikonoxxuti b'mod wiesa' u jinkludu test tal-effikaċja operazzjonali tal-kontrolli ewlenin fis-seħħ;
  - g. ikollhom id-dritt kuntrattwali li jitolbu l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-rapporti taċ-ċertifikati jew tal-awditu għal sistemi u kontrolli oħra rilevanti; l-għadd u l-frekwenza ta' tali talbiet għall-modifika tal-kamp ta' applikazzjoni għandhom ikunu raġonevoli u leġittimi minn perspettiva tal-ġestjoni tar-riskju; u
  - h. jżommu d-dritt kuntrattwali li jwettqu awditi individwali għad-deskrizzjoni tagħhom fir-rigward tal-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti.
94. F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-ICT skont l-SREP, l-istituzzjonijiet għandhom, fejn rilevanti, jiżguraw li dawn huma kapaċi jwettqu ttestjar tal-penetrazzjoni tas-sigurtà biex jivvalutaw l-effikaċja tal-miżuri u tal-proċessi tas-sigurtà ċibernetika u interna tal-ICT implimentati.<sup>36</sup> B'kunsiderazzjoni tat-Titolu I, l-istituzzjonijiet ta'

<sup>36</sup> Ara wkoll il-Linji Gwida tal-EBA dwar ir-riskju tal-ICT: <https://www.eba.europa.eu/documents/10180/1841624/Final+Guidelines+on+ICT+Risk+Assessment+under+SREP+%28EBA-GL-2017-05%29.pdf/ef88884a-2f04-48a1-8208-3b8c85b2f69a>

pagament għandu jkollhom ukoll mekkaniżmi ta' kontroll tal-ICT interni, inklużi miżuri tal-kontroll tas-sigurtà u tal-mitigazzjoni.

95. Qabel ma jwettqu żjara fuq il-post maħsuba, l-istituzzjonijiet, l-istituzzjonijiet ta' pagament, l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri jew il-partijiet terzi li jaġixxu f'isem l-istituzzjoni, l-istituzzjoni ta' pagament jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu avviż raġonevoli lill-fornitur tas-servizz, sakemm dan ma jkunx possibbli minħabba emerġenza jew sitwazzjoni ta' kriżi jew iwassal għal sitwazzjoni fejn l-awditu ma jibqax effettiv.
96. Meta jitwettqu awditi f'ambjenti b'diversi klijenti, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li jiġu evitati jew mitigati riskji għall-ambjent ta' klijent ieħor (eż. impatt fuq il-livelli tas-servizz, id-disponibbiltà tad-data, aspetti ta' kunfidenzjalità).
97. Meta l-arranġament ta' esternalizzazzjoni jkollu livell għoli ta' kumplessità teknika, pereżempju fil-każ ta' esternalizzazzjoni ta' cloud, l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament għandha tivverifika li kull min ikun qed iwettaq l-awditu, kemm jekk ikunu l-awdituri interni tagħha, il-grupp ta' awdituri jew awdituri esterni li jaġixxu f'isimha, ikollu ħiliet u għarfien xierqa u rilevanti biex iwettaq l-awditi u/jew il-valutazzjonijiet rilevanti b'mod effettiv. L-istess japplika għal kwalunkwe persunal tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament li jirrevedi ċ-ċertifikazzjonijiet jew l-awditi ta' parti terza li jitwettqu mill-fornituri tas-servizz.

### 13.4 Drittijiet tat-terminazzjoni

98. L-arranġament ta' esternalizzazzjoni għandu jippermetti b'mod espliċitu l-possibbiltà għall-istituzzjoni jew għall-istituzzjoni ta' pagament li ttemm l-arranġament, skont il-liġi applikabbli, inkluż fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
  - a. meta l-fornitur tal-funzjonijiet esternalizzati jkun kiser il-liġi, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet kuntrattwali applikabbli;
  - b. meta jiġu identifikati impedimenti li jkunu kapaċi jbiddu l-prestazzjoni tal-funzjoni esternalizzata;
  - c. meta jkun hemm bidliet materjali li jaffettwaw lill-arranġament ta' esternalizzazzjoni jew lill-fornitur tas-servizz (eż. subesternalizzazzjoni jew bidliet tas-sottokuntratturi);
  - d. meta jkun hemm dgħufijiet fir-rigward tal-ġestjoni u s-sigurtà ta' data jew informazzjoni kunfidenzjali, personali jew altrimenti sensittiva; u
  - e. meta jingħataw struzzjonijiet mill-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament, eż. fil-każ li l-awtorità kompetenti ma tkunx għadha fil-pożizzjoni li tissorvelja lill-istituzzjoni jew lill-istituzzjoni ta' pagament, minħabba l-arranġament ta' esternalizzazzjoni.

99. L-arranġament ta' esternalizzazzjoni għandu jiffaċilita t-trasferiment tal-funzjoni esternalizzata lil fornitur tas-servizz ieħor jew l-inkorporazzjoni mill-ġdid tagħha fl-istituzzjoni jew fl-istituzzjoni ta' pagament. Għal dan il-għan, l-arranġament ta' esternalizzazzjoni bil-miktub għandu:
- jistabilixxi b'mod ċar l-obbligi tal-fornitur tas-servizz eżistenti, fil-każ tat-trasferiment tal-funzjoni esternalizzata lil fornitur tas-servizz ieħor jew lura fl-istituzzjoni jew fl-istituzzjoni ta' pagament, inkluża l-ġestjoni tad-data;
  - jistabilixxi perjodu tranżitorju xieraq, li matulu l-fornitur tas-servizz, wara t-terminazzjoni tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni, ikompli jipprovdi l-funzjoni esternalizzata biex inaqqas ir-riskju ta' disturbji; u
  - jinkludi obbligu tal-fornitur tas-servizz biex jappoġġja lill-istituzzjoni jew lill-istituzzjoni ta' pagament fit-trasferiment ordnat tal-funzjoni fil-każ tat-terminazzjoni tal-ftehim ta' esternalizzazzjoni.

## 14 Sorveljanza tal-funzjonijiet esternalizzati

100. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jimmonitorjaw, fuq bażi kontinwa, il-prestazzjoni tal-fornituri tas-servizz fir-rigward tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni kollha fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju u bil-fokus ewlieni ikun fuq l-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti, inkluż li jiġu żgurati d-disponibbiltà, l-integrità u s-sigurtà tad-data u tal-informazzjoni. Meta r-riskju, in-natura u l-iskala ta' funzjoni esternalizzata jkunu materjalment inbidlu, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jivvalutaw mill-ġdid il-kritikalità jew l-importanza ta' dik il-funzjoni f'konformità mat-Taqsima 4.
101. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom japplikaw il-kapaċità, l-attenzjoni u d-diliġenza dovuti meta jimmonitorjaw u jiġġestixxu l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni.
102. L-istituzzjonijiet għandhom jaġġornaw b'mod regolari l-valutazzjoni tar-riskju tagħhom skont it-Taqsima 12.2 u għandhom jirrapportaw perjodikament lill-korp maniġerjali dwar ir-riskji identifikati fir-rigward tal-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti.
103. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jimmonitorjaw u jiġġestixxu r-riskji interni tal-konċentrazzjoni tagħhom ikkawżati mill-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni, billi jqisu t-Taqsima 12.2 ta' dawn il-linji gwida.
104. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw, fuq bażi kontinwa, li l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni, bil-fokus ewlieni jkun fuq il-funzjonijiet kritiċi jew importanti esternalizzati, jissodisfaw standards tal-prestazzjoni u tal-kwalità xierqa f'konformità mal-politiki tagħhom billi:

- a. jiżguraw li dawn jirċievu rapporti xierqa mill-fornituri tas-servizz;
  - b. jevalwaw il-prestazzjoni tal-fornituri tas-servizz billi jużaw għodod bħal indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, indikaturi ewlenin tal-kontroll, rapporti dwar il-forniment tas-servizz, awtoċertifikazzjoni u rieżamijiet indipendenti; u
  - c. jirrieżaminaw l-informazzjoni l-oħra kollha rilevanti li tkun waslet mingħand il-fornitur tas-servizz, inklużi rapporti dwar il-miżuri tal-kontinwità tan-negozju u l-ittestjar.
105. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu miżuri xierqa jekk jidentifikaw nuqqasijiet fil-forniment tal-funzjoni esternalizzata. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom iwettqu segwitu ta' kwalunkwe indikazzjoni li l-fornituri tas-servizz jistgħu ma jkunux qed iwettqu l-funzjoni kritika jew importanti esternalizzata b'mod effettiv jew f'konformità mal-liġijiet u r-rekwiżiti regolatorji applikabbli. Jekk jiġu identifikati nuqqasijiet, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jieħdu azzjonijiet korrettivi jew rimedjali xierqa. Tali azzjonijiet jistgħu jinkludu t-terminazzjoni tal-ftehim ta' esternalizzazzjoni, b'effett immedjat, jekk ikun meħtieġ.

## 15 Strateġiji ta' ħruġ

106. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandu jkollhom strateġija ta' ħruġ iddokumentata meta jesternalizzaw funzjonijiet kritiċi jew importanti li tkun konformi mal-politika ta' esternalizzazzjoni u mal-pjanijiet tal-kontinwità tan-negozju tagħhom,<sup>37</sup> billi jqisu mill-inqas il-possibbiltà:
- a. tat-terminazzjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni;
  - b. tal-falliment tal-fornitur tas-servizz;
  - c. tad-deterjorament tal-kwalità tal-funzjoni pprovduta u d-disturbi attwali jew potenzjali fin-negozju kkawżati mill-forniment mhux xieraq jew fallut tal-funzjoni;
  - d. tar-riskji materjali li jirriżultaw fir-rigward tal-applikazzjoni xierqa u kontinwa tal-funzjoni.
107. L-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom jiżguraw li dawn ikunu jistgħu joħorġu minn arranġamenti ta' esternalizzazzjoni mingħajr disturbi mhux dovuti fl-attivitajiet tan-negozju tagħhom, mingħajr ma jillimitaw il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti regolatorji u mingħajr kwalunkwe detriment għall-kontinwità u għall-kwalità tal-forniment tas-servizzi tagħhom lill-klijenti. Sabiex jiksbu dan, dawn għandhom:

<sup>37</sup> L-istituzzjonijiet, f'konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 85(2) tad-Direttiva 2013/36/UE u t-Titolu VI tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna, u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandu jkollhom fis-seħħ pjanijiet xierqa tal-kontinwità tan-negozju fir-rigward tal-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi jew importanti.

- a. jiżviluppaw u jimplimentaw pjanijiet ta' ħruġ li jkunu komprensivi, iddokumentati u, fejn xieraq, ittestjati b'mod suffiċjenti (eż. billi jwettqu analiżi tal-kostijiet, tal-impatti, tar-riżorsi potenzjali u l-implikazzjonijiet taż-żmien relatati mat-trasferiment ta' servizz esternalizzat lil fornitur alternattiv); u
  - b. jidentifikaw soluzzjonijiet alternattivi u jiżviluppaw pjanijiet tranżitorji sabiex jippermettu lill-istituzzjoni jew lill-istituzzjoni ta' pagament tneħħi l-funzjonijiet u d-data esternalizzati mingħand il-fornitur tas-servizz u tittrasferixxihom għand fornituri alternattivi jew lura għand l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament jew jieħdu miżuri oħra li jiżguraw il-forniment kontinwu tal-funzjoni kritika jew importanti jew tal-attività tan-negozju b'mod ikkontrollat u ttestjat b'mod suffiċjenti, filwaqt li jqisu l-isfidi li jistgħu jinħolqu minħabba l-post fejn tkun tinsab id-data u jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kontinwità tan-negozju matul il-fażi tranżitorja.
108. Meta jiżviluppaw strateġiji ta' ħruġ, l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhom:
- a. jiddefinixxu l-oġġettivi tal-istrateġiji ta' ħruġ;
  - b. iwettqu analiżi tal-impatt tan-negozju li tkun proporzjonata mar-riskju tal-proċessi, tas-servizzi jew tal-attivitàjiet esternalizzati, bil-għan li jidentifikaw liema riżorsi umani u finanzjarji jkunu meħtieġa biex jimplimentaw il-pjan ta' ħruġ u l-ammont ta' żmien meħtieġ;
  - c. jassenjaw rwoli, responsabbiltajiet u riżorsi suffiċjenti biex jiġġestixxu l-pjanijiet ta' ħruġ u t-tranżizzjoni tal-attivitàjiet;
  - d. jiddefinixxu kriterji ta' suċċess għat-tranżizzjoni tal-funzjonijiet u tad-data esternalizzati; u
  - e. jiddefinixxu l-indikaturi li għandhom jintużaw għall-monitoraġġ tal-arranġament ta' esternalizzazzjoni (kif deskritt fit-Taqsima 14), inklużi indikaturi bbażati fuq livelli ta' servizz inaċċettabbli li għandhom iwasslu għall-ħruġ.

## Titolu V – Linji Gwida dwar l-esternalizzazzjoni indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti

109. Meta jistabbilixxu metodi xierqa biex jimmonitorjaw il-konformità tal-istituzzjonijiet u tal-istituzzjonijiet ta' pagament mal-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni inizjali, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom l-għan li jidentifikaw jekk l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni jammontawx għal bidla materjali fil-kundizzjonijiet u fl-obbligi tal-awtorizzazzjoni inizjali tal-istituzzjonijiet u tal-istituzzjonijiet ta' pagament.
110. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti bil-fatt li dawn jistgħu jissorveljaw b'mod effettiv lill-istituzzjonijiet u lill-istituzzjonijiet ta' pagament, inkluż li l-istituzzjonijiet jew



L-istituzzjonijiet ta' pagament ikunu żguraw fl-arranġament ta' esternalizzazzjoni tagħhom li l-fornituri tas-servizz huma obbligati jagħtu drittijiet ta' awditu u ta' aċċess lill-awtorità kompetenti u lill-istituzzjoni, f'konformità mat-Taqsima 13.3.

111. L-analiżi tar-riskji ta' esternalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet għandha titwettaq mill-inqas fl-SREP jew, fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' pagament, bħala parti minn proċessi superviżorji oħra, inklużi talbiet ad-hoc, jew matul spezzjonijiet fuq il-post.
112. Minbarra l-informazzjoni rreġistrata fir-reġistru, kif imsemmi fit-Taqsima 11, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet u lill-istituzzjonijiet ta' pagament informazzjoni addizzjonali, b'mod partikolari għal arranġamenti ta' esternalizzazzjoni kritiċi jew importanti, bħal:
  - a. l-analiżi tar-riskju ddettaljata;
  - b. jekk il-fornitur tas-servizz għandux pjan tal-kontinwità tan-negozju li huwa adatt għas-servizzi pprovduti lill-istituzzjoni tal-esternalizzazzjoni jew lill-istituzzjoni ta' pagament;
  - c. l-istrateġija ta' kura li għandha tintuża jekk jintemm l-arranġament ta' esternalizzazzjoni minn kwalunkwe parti jew jekk ikun hemm disturb fil-forniment tas-servizz; u
  - d. ir-riżorsi u l-miżuri implimentati biex jimmonitorjaw b'mod xieraq l-attivitajiet esternalizzati.
113. Minbarra l-informazzjoni mitluba skont it-Taqsima 11, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet u lill-istituzzjonijiet ta' pagament jipprovdu informazzjoni ddettaljata dwar kwalunkwe ftehim ta' esternalizzazzjoni, anke jekk il-funzjoni kkonċernata ma titqiesx bħala kritika jew importanti.
114. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw dan li ġej permezz ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju:
  - a. jekk l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament jimmonitorjawx u jiġġestixxux kif xieraq, b'mod partikolari, l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni kritiċi jew importanti;
  - b. jekk l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament għandhomx riżorsi suffiċjenti fis-seħħ biex jimmonitorjaw u jiġġestixxu l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni;
  - c. jekk l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament jidentifikawx u jiġġestixxux ir-riskji kollha rilevanti; u
  - d. jekk l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament jidentifikawx, jivvalutawx u jiġġestixxux kif xieraq il-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni, eż. fil-każ ta' esternalizzazzjoni intragrupp jew esternalizzazzjoni fl-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali.

115. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament tal-UE/taż-ŻEE humiex qed joperaw bħala "fittizji", inklużi sitwazzjonijiet fejn l-istituzzjonijiet jużaw tranżazzjonijiet spalla ma' spalla jew tranżazzjonijiet intragrupp biex jittrasferixxu parti mir-riskju tas-suq u r-riskju ta' kreditu lil entità mhux fl-UE/fiż-ŻEE, u għandhom jiżguraw li dawn għandhom fis-seħħ arranġamenti ta' governanza u ta' ġestjoni tar-riskju xierqa biex jidentifikaw u jiġġestixxu r-riskji tagħhom.
116. Fil-valutazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu r-riskji kollha, b'mod partikolari:<sup>38</sup>
- a. ir-riskji operattivi<sup>39</sup> imposti mill-arranġament ta' esternalizzazzjoni;
  - b. ir-riskji għar-reputazzjoni;
  - c. ir-riskju "step-in" li jista' jitlob lill-istituzzjoni tipprojbixxi fornitur tas-servizz, fil-każ ta' istituzzjonijiet sinifikanti;
  - d. ir-riskji ta' konċentrazzjoni fi ħdan l-istituzzjoni, inkluż fuq bażi konsolidata, ikkawżati minn diversi arranġamenti ta' esternalizzazzjoni ma' fornitur tas-servizz wieħed jew marbuta mill-qrib mal-fornituri tas-servizz jew ma' diversi arranġamenti ta' esternalizzazzjoni fl-istess qasam ta' negozju;
  - e. ir-riskji ta' konċentrazzjoni fil-livell settorjali, eż. meta diversi istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet ta' pagament jagħmlu użu minn fornitur tas-servizz wieħed jew minn grupp żgħir ta' fornituri tas-servizz;
  - f. il-punt sa fejn l-istituzzjoni ta' esternalizzazzjoni jew l-istituzzjoni ta' pagament tikkontrolla lill-fornitur tas-servizz jew għandha l-kapaċità li tinfluwenza l-azzjonijiet tagħha, it-tnaqqis tar-riskji li jistgħu jirriżultaw minn livell ogħla ta' kontroll u jekk il-fornitur tas-servizz huwiex inkluż fis-superviżjoni konsolidata tal-grupp; u
  - g. l-kunflitti ta' interess bejn l-istituzzjoni u l-fornitur tas-servizz.
117. Meta jiġu identifikati riskji ta' konċentrazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw l-iżvilupp ta' tali riskji u jevalwaw kemm l-impatt potenzjali tagħhom fuq istituzzjonijiet u istituzzjonijiet ta' pagament oħrajn u l-istabbiltà tas-suq finanzjarju; l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw, fejn xieraq, lill-awtorità tar-riżoluzzjoni dwar funzjonijiet kritiċi ġodda potenzjali<sup>40</sup> li jkunu ġew identifikati matul din il-valutazzjoni.

<sup>38</sup> Fir-rigward tal-istituzzjonijiet soġġetti għad-Direttiva 2013/36/UE, ara wkoll il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-SREP: <https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/supervisory-review-and-evaluation-srep-and-pillar-2>

<sup>39</sup> Ara wkoll il-Linji Gwida tal-EBA dwar ir-riskju tal-ICT: <https://www.eba.europa.eu/documents/10180/1841624/Final+Guidelines+on+ICT+Risk+Assessment+under+SREP+%28EBA-GL-2017-05%29.pdf/ef88884a-2f04-48a1-8208-3b8c85b2f69a>

<sup>40</sup> Kif definiti fl-Artikolu 2(1)(35) tal-BRRD.

118. Meta jiġi identifikat tħassib li jwassal għall-konklużjoni li istituzzjoni jew istituzzjoni ta' pagament m'għadx għandha arranġamenti ta' governanza sodi fis-seħħ jew ma tikkonformax mar-rekwiżiti regolatorji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu azzjonijiet xierqa, li jistgħu jinkludu l-limitazzjoni u r-restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-funzjonijiet esternalizzati jew ikunu jeħtieġu l-ħruġ minn arranġament ta' esternalizzazzjoni wieħed jew aktar. B'mod partikolari, b'kunsiderazzjoni tal-ħtieġa tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni ta' pagament li topera fuq bażi kontinwa, il-kanċellazzjoni tal-kuntratti tista' tintalab jekk is-superviżjoni u l-infurzar tar-rekwiżiti regolatorji ma jkunux jistgħu jiġu żgurati b'miżuri oħra.
119. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti bil-fatt li dawn jistgħu jwettqu superviżjoni effettiva, b'mod partikolari meta l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' pagament jesternalizzaw funzjonijiet kritiċi jew importanti li jitwettqu barra mill-UE/miż-ŻEE.